MELITENSIA
8 APR 19[illegible]

# IL-PULIZIJA




Vol. 7, No. 7

# Tant 'il bogħod...



# ...iżda daqstant viċin.

Qrabatek u l-ħbieb, barra minn Malta mhumiex daqstant bogħod, meta tista' tkellimhom bit-telefon kull meta trid, x'ħin trid. U meta ċċempel lil qrabatek wara d-9 ta' filgħaxija tiffranka 25%. F'kelma waħda tista' tkellem lil qrabatek 25% aktar minn telefonata normali.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Alġerija** | **0213** | **Ġermanja (Punent)** | **049** | **Spanja** | **034** |
| **Awstrija** | **043** | **Greċja** | **030** | **Svizzera** | **041** |
| **Belġju** | **032** | **Olanda** | **031** | **Renju Unit** | **044** |
| **Danimarka** | **045** | **Italja** | **039** | U.S.A. | **01** |
| **Franza** | **033** | | | | |

Tinsiex, tiffranka 25% meta ċċempel bejn id-9 ta' filgħaxija u t-8 ta' filgħodu bejn it-Tnejn u s-Sibt u l-Ħadd il-jum kollu.

telemalta corporation



Ritratt tal-kopertina juri lill-Ispettur J. Agius, flimkien ma' xi membru tal-Korp li qed jaħdmu fiċ-Ċentru tal-Computer Francis Rivalora.


Vol. 7 No. 7

JANNAR – FRAR 1989

ORGANU TAL-PULIZIJA

Editur: P.C. 512 Martin Ellul
Bord Editorjali:
President: Spettur J. Agius.
Membri: Surġent 1337 C. Curmi; P.S. 1350 J. Borda; P.S. 1265 L. Bondin; W.P.C. 45 M. Bartolo.


***Ritratt tal-kopertina meħud minn***

**P.C. 720 A. BORG**

## ABBONA F'"IL-PULIZIJA"

Lm1.50 fis-sena tista' tabbona u tirċievi "Il-Pulizija" d-dar bil-posta.

Abbonamenti għandhom isiru fil-Librerija tal-Pulizija, Kwartieri Ġenerali tal-Pulzija, Furjana.

Stampat fil-Union Press

# Il-Pulizija

## F'DIN IL-ĦARĠA


**Editorjal** .......... 2
**Il-Ftuħ taċ-Ċentru tal-Computer fil-Kwartieri Ġenerali tal-Korp tal-Pulizija** .......... 3/4/5
**Drugs Crimephone** .......... 6
**Taqsima Computer Francis Rivalora** .......... 7/9
**Tgħid kien innoċenti** .......... 8/9
**Case of Dr. Francis Saliba, M.D., BSc, Phc, DJMH** .......... 9
**Ingaġġ ta' 35 membru ġdid fil-Korp tal-Pulizija** .......... 10
**Dinner Dance organised by the No. 2 District** .......... 10
**Pulizija Għawdxin u Maltin jagħtu d-demm lill-Bank tad-Demm fil-Furjana** .......... 11
**Inawgurat l-ewwel Gymnasium għall-Korp tal-Pulizija** .......... 12
**Il-Pulizija u l-Eżerċizzi Fiżiċi** .......... 13/14/15
**Only Sick People Need Drugs** .......... 15
**Il-Knisja qadima ta' Birkirkara** .......... 16
**Leħen l-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti** .......... 17/18/19/20
**Firearms** .......... 21/22/23/25
**Attivitajiet organizzati mill-Entertainment Committee tal-Pulizija** .......... 24/25
**Il-Mużew tal-Kattidral** .......... 26/34
**The role of the Police in Criminal Investigations** .......... 27/28/29/34
**Self Defence – Unarmed Combat** .......... 30/31/32
**Eżerċizzi Fiżiċi f'Għawdex** .......... 33/34

# Għas-Servizz tas-Soċjetà Maltija 1988 u s-Sena l-Ġdida

*Għall-korp tal-pulizija Maltija, s-sena 1988 kienet sena ta' xogħol bla waqfien għas-servizz tas-soċjetà Maltija. Għalkemm ma nistgħux ngħidu li ilħaqna xi livell kbir fil-qadi ta' dmirijietna, wieħed jista' jinnota b'sodisfazzjon l-isforz kbir li sar u r-riżultati miksuba s'issa.*

*Biex il-korp tal-pulizija jkun aktar effiċjenti, infetħu diversi reklutaġġi. Fosthom insibu li saru tliet reklutaġġi għall-irġiel u wieħed għan-nisa. Ma' dawn wieħed irid isemmi l-promozzjonijiet ta' 96 surġenti u 17-il spettur. Dan kollu sar sabiex il-pubbliku Malti kif ukoll dak turistiku jkun jista' jiġi moqdi aħjar u saħansitra jkunu jistgħu jinfetħu mill-ġdid l-għases tal-pulizija.*

*Matul 1988, il-korp tal-pulizija, għall-ewwel darba ra l-ftuħ ta' l-Akkademja tal-pulizija ġewwa St. Elmo li n-nuqqas tagħha kien ilu jinħass għal bosta snin, liema inawgurazzjoni saret fit-12 ta' Lulju, 1988. F'din id-data, rajna sseħħ il-ħolma ta' ħafna membri tal-korp, li aħna wkoll ikollna l-ġurnata ddedikata lill-Korp tal-Pulizija. Għall-ewwel darba fl-istorja tal-korp ġiet iċċelebrata "Jum il-Fondazzjoni tal-Korp tal-Pulizija" u għal dan il-għan ġie mħejji programm mifrux fuq sebat ijiem ta' attivitajiet bl-isem ta' "Il-Pulizija u l-Komunità".*

*Matul l-imsemmija sena, rajna wkoll issir rijorganizzazjoni distrettwali biex ix-xogħol ikun jista' jsir b'aktar effiċjenza u b'hekk kellhom isiru ħatriet ġodda ta' Assistenti Kummissarji u Superintendi ġodda għal dan li skop.*

*Introduzzjoni ġdida fl-1988, kienet dik tas-"Silent Drill Team" li bil-motto tiegħu "ELEGANCE, RYHTHM and PRECISION" ġibed l-ammirazzjoni tal-pubbliku preżenti hekk kif ħarġu għall-ewwel darba fil-pubbliku, nhar is-Sibt, 1 ta' Ottubru, 1988.*

*Ix-xogħol li wettaq il-Korp matul is-sena kien kbir u huwa impossibbli li nsemmuh kollu, fosthom ix-xogħol bla waqfien tas-C.I.D., Mobile Patrol, id-Diviżjonijiet u l-Branches l-oħrajn kollha.*

*Is-Sena l-Ġdida 1989 rat il-ftuħ uffiċjali taċ-ċentru tal-Komputers fil-Korp tal-Pulizija. B'hekk il-pulizija Maltija żiedet għodda ġdida sabiex tkun aktar effiċjenti.*

*J'Alla, l-amministrazzjoni tal-Korp tal-Pulizija tibqa' miexja fuq dawn il-linji, bl-istess ħeġġa u entużjażmu, biex b'hekk il-Korp ikun aktar effiċjenti fix-xogħol tiegħu u b'dan il-prinċipju, jingħata servizz aħjar kif jistħoqq lis-soċjetà Maltija.*




*Il-Lapida Kommemorattiva.*




*L-Aġent Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u Ġustizzja, il-Profs. G. Demarco, B.A., LL.D., M.P., waqt id-diskors inawgurali fil-Ftuħ taċ-Ċentru. Jidher fost uffiċjali oħra l-Kummissarju s-Sur Alfred A. Calleja.*

# IL-FTUĦ TAĊ-ĊENTRU TAL-COMPUTER FIL-KWARTIERI ĠENERALI TAL-KORP TAL-PULIZIJA

Is-7 ta' Jannar, 1989, hija ġurnata oħra storika fl-istorja tal-Korp tal-Pulizija Maltija. Hekk ġiet deskritta din il-ġurnata mill-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Alfred Calleja, waqt diskors ta' merħba li għamel fl-okkażjoni tal-ftuħ taċ-ċentru tal-computer fil-kwartieri ġenerali tal-pulizija, li ġie msemmi għall-ewwel Kmandant Ġenerali li kellu l-Korp 'Francis Rivalora'.

Wara d-diskors tal-Kummissarju, kien imiss lill-Aġent Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u Ġustizzja, il-Professur Guido DeMarco BA. LL.D. M.P. li qal li permezz tal-computer se jinġabru u jkunu aġġornati u jsir retrieval ta' partikularitajiet ta' persuni, informazzjoni ta' vetturi, records ta' Kondotti, informazzjoni fuq personnel, movimenti ta' files u dokumenti.



*L-Aġent Prim Ministru waqt il-kxif tal-Plakka Kommemorattiva taċ-Ċentru tal-Computers, fil-preżenza tal-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Alfred A. Calleja.*

L-użu ta' dan il-computer jassigura kontroll fuq stock, ta' vetturi, ekwipaġġjament tal-Korp li jgħin fid-deċiżjonijiet dwar movimenti, kwalifiki u esperjenza ta' membri ndividwali tal-Korp, fl-analiżi ta' budget ta' nfiq ukoll ta' Provvisti.

Fid-diskors tiegħu l-Aġent Prim Ministru żied jgħid li fuq kollox dan jgħin għall-investigazzjoni dwar kriminalità billi jkun hemm 'data bank' informattiv li jkopri aspetti differenti li joħolqu dak il-linkage tant essenzjali bejn oġġetti, individwi u ċirkostanzi li jistgħu jkunu ta' valur determinanti fis-soluzzjoni ta' reati.

Dan jista' jsir għaliex 'data bank' tad-diversi modus operandi ta' delinkwenti, jgħin lill-uffiċ-




*Ir-Reverendu Emmanuel Barbara OFM, Cap., Kappillan tal-Korp waqt it-tberik tal-Lapida Kommemorattiva.*

# IL-FTUĦ TAĊ-ĊENTRU TAL-COMPUTER FIL-KWARTIERI ĠENERALI TAL-PULIZIJA

jal investigattiv għal individwalizzazzjoni tal-persuna responsabbli. Il-computer jgħin anki fl-investigazzjonijiet forensiċi; il-paragun ta' 'fingerprints' isir aktar malajr kif ukoll id-'data' dwar kriminalità tgħin lix-xjenzat forensiku u lis-'scene of crime officer' jaslu għal riżultat f'ħin relattivament qasir fejn il-fattur tal-ħin hu fattur determinanti għal kull investigazzjoni. Il-computer iżomm ukoll informazzjoni dwar żviluppi u interpretazzjoni tal-Liġi.

Hu qal li fit-12 ta' Lulju ta' din is-sena l-Korp tal-Pulizija, kif rikostruwit minn Sir Thomas Maitland jagħlaq mija u ħamsa u sebgħin sena, fejn l-ewwel kmandant tiegħu kien il-Kurunell Konti Francis Rivalora. Kien għalhekk deċiż li dan iċ-Ċentru tal-Computer iġib ismu bħala rabta tal-passat mal-preżent.

L-Aġent Prim Ministru DeMarco qal li mija u ħamsa u sebgħin sena ta' storja tal-Korp tal-Pulizija – fil-kumpless tagħhom huma snin li taħt saltna kolonjali, 'Self Government' u Indipendenza, il-Korp tal-Pulizija għaraf ikun fis-servizz tal-poplu. Hu semma meta dari kienu jidentifikaw il-Pulizija mal-ġustizzja. Hu qal li jispera li din l-identifikazzjoni fil-kunċett korrett tagħha tispira lill-fizzjali u membri kollha ta' dan il-korp.

L-inawgurazzjoni ta' dan iċ-Ċentru tal-Computer hu parti mill-iżvilupp li qed jitwettaq f'dan il-Korp, flimkien mar-riorganizzazzjoni fit-tmexxija tal-Korp, u mal-fondazzjoni tal-Akkademja Sant Elmo, dan iċ-Ċentru tal-Computer ikompli jagħti lill-Korp statura u struttura.

Fl-aħħar fakkar li kull membru tal-korp, mill-kummissarju għall-aħħar rekluta għandu jifhem u jħoss li qiegħed fil-Pulizija biex iservi lill-poplu Malti fl-aktar affarijiet essenzjali għall-ħajja nazzjonali tiegħu, fil-ħarsien tal-Ġustizzja u fl-għixien tiegħu fil-Libertà.

L-Aġent Prim Ministru DeMarco mbagħad irringrazzja lil dawk kollha li għenu b'xi mod f'dan iċ-Ċentru b'mod partikolari lill-Gvern Taljan u lill-Ispettur John Agius li ta kontribut importanti għall-attwazzjoni ta' dan iċ-Ċentru.

Wara d-diskors tiegħu, il-Ministru DeMarco fetaħ uffiċjalment dan iċ-Ċentru billi kixef lapida kommemorattiva u wara ġiet imbierka minn Reverendu Emanuel Barbara O.F.M. Cap., Kappillan tal-Korp.

L-Aġent Prim Ministru u l-Kummissarju tal-Pulizija flimkien ma' għadd ta' uffiċjali tal-Korp żaru dan iċ-ċentru fejn ukoll ġew murija kif jiffunzjona.



*L-Ispettur John Agius inkarigat mit-Taqsima Kompjuter, jistieden lil Aġent Prim Ministru sabiex iżur iċ-Ċentru.*



*L-Aġent Prim Ministru jiġi muri l-funzjoni tal-kompjuter minn P.C. 795 J. Ċilia.*

DATA PROCESSING BRANCH
FRANCIS RIVALORA

POLICE HEADQUARTERS
FLORIANA

OFFICIAL OPENING
by the
HON. PROF. GUIDO de MARCO
B.A., LL.D., M.P.
Acting Prime Minister
and Minister of the Interior and Justice

Saturday, January 7th, 1989

# Il-programm maħruġ mill-Korp tal-Pulizija fl-okkażjoni tal-ftuħ uffiċjali tad-"Data Processing Branch Francis Rivalora"

## PROGRAMME

| | |
|---|---|
| 1000 | Arrival of the Commissioner of Police Mr Alfred A. Calleja |
| 1015 | Arrival of the Acting Prime Minister and Minister of the Interior and Justice, the Hon. Prof. Guido de Marco |
| 1020 | Address by the Commissioner of Police Mr Alfred A. Calleja |
| 1030 | Speech by the Hon. Prof. Guido de Marco |
| | Unveiling of Commemorative Plaque |
| | Blessing of Plaque by the Police Chaplain The Very Rev. Fr Emm. Barbara, O.F.M. Cap. |
| | Tour of Computer Centre |

## FRANCIS RIVALORA

(A BIOGRAPHICAL NOTE)

A Corsican by birth. Was appointed ensign in the Corsican Regiment (Smith's Union Brigade), March 18, 1795, whilst Corsica was under the protection of Great Britain. Promoted lieutenant, 1796, and drafted first into the 18th Royal Irish Regiment, and then into the 22nd Foot. Accompanied Sir Ralph Abercromby's expedition to the Mediterranean in 1800 as A.Q.M.G. Placed in charge of Maltese Pioneers in 1800, and served with them in Egypt till 1801. Was then employed as secretary, and afterwards as brigade-major at Malta. In 1804 he raised 300 Corsicans, and was promoted to a company in the Corsican Rangers. Proceeded to Naples with this corps; raised the Royal Sicilian Regiment in 1806. With part of this corps and part of the Corsican Rangers he reduced the Castle of Reggio and took 600 French soldiers, of the 42nd Regiment of the Line, prisoner. Proceeded to Egypt in 1807 in command of the Sicilian Regiment, and was present at several of the engagements. Gazetted major, February 6, 1807, and lieutenant-colonel, February 7, 1811. In 1813, appointed inspector-general of police in Malta, and in 1814, inspector of Maltese and foreign troops. On February 11, 1815, he was charged to raise the Royal Malta Fencible Regiment. Promoted colonel, July 19, 1821, and appointed colonel commandant, Royal Malta Fencible Regiment, March 3, 1825. Promoted major-general, July 22, 1830; made K.C.M.G. in 1840; promoted lieutenant-general, November 23, 1841. Died October 7, 1853.

CHESNEY, A. G.
*Historical Records of the Maltese Corps of the British Army*
*pp 115-117*

## ACKNOWLEDGEMENTS


*Architect:*
Mr Emmanuel Buttigieg, A. & C.E.

*Construction:*
*Stone-Work:*
Messrs Angelo Xuereb Ltd

*Equipment:*
Messrs Panta Computer Co. Ltd
Messrs Medairco Co. Ltd

*Other Works:*
Messrs Guillaumier Co. Ltd
Messrs Sunlock Ltd
Messrs ITC Ltd

*Telephone System:*
TeleMalta Corporation

*Electricity Service:*
EneMalta Corporation

*Furniture:*
Public Works Department — Marsa Garage

*Transport:*
Salvu Meli & Sons Co. Ltd — Paola

*Ancillary Works:*
Trades Section — Police Department

*Training and Assistance*
Government Computer Centre — Dingli
Electoral Office

The Ministry of the Interior and Justice

The Commissioner of Police

wish to express their gratitude to the Italian Government for its generous financial donation, to the Data Processing Branch personnel, and to all those who helped finish the various tasks necessary for the construction, implementation and furnishing of the Police Data Processing Branch.

MALTA POLICE

# DRUGS
# CRIMEPHONE

## Help the Police Fight Drug Abuse

IF YOU HAVE ANY INFORMATION

RING

# 233145/9

Leave your message on our 24 hour service-phone.

All information treated as strictly confidential.




Manufacturers of:
**OLYMPIC**
quality stationery

MORONI STR. GZIRA TEL: 330869

7up ®

# THE CHOICE OF A SUPERSTAR



The star studded "accent" bathroom suite could have been specially designed for the famous star Joan Collins.

The bathroom collection with space age lines is the ideal bathroom for all who, like superstar Joan Collins, love the exclusive and unusual — and want luxury even in the bathroom.
Ideal Standard, your ideal bathroom.

*Ideal Standard*

*Available from Ideal Standard's Sole Agents and Distributors in Malta:*

**ROGER SATARIANO & SON LTD.**

122 Msida Valley Road, B'Kara, Tel: 442769, 491017

# Taqsima Computer Francis Rivalora

**Nhar is-Sibt, 7 ta' Jannar 1989, l-Onor. Ministru tal-Ġustizzja, u Viċi Prim Ministru, fetaħ uffiċjalment dipartiment ġdid għat-tgħammir tal-Computer System, magħruf bl-isem ta' 'Data Processing Branch', li ħa l-isem ta' l-ewwel Kummissarju tal-Pulizija, minn żmien ir-Riforma 'l hawn.**

Kitba tal-Kavallier
JOSEPH GALEA

Wara bosta diffikultajiet li setgħu jinqalgħu fejn setgħu jagħmlu dan iċ-Ċentru, l-awtoritajiet waslu biex għażlu fejn sa ftit snin ilu, kien hemm il-**Juvenile Library**, Belt is-Sebħ, il-bini ta' wara d-Depot.

Dak il-bini, għalkemm dan l-aħħar kien safa abbandunat, fiż-żmien kellu storja, u mal-milja taż-żmien kien biddel bosta sidien.

Meta l-Kavalieri ta' San Ġwann kienu lestew u għammru l-belt Valletta bl-isbaħ palazzi, knejjes, u djar, ma xtaqux li dik il-medda ta' art ta' biswit il-Belt, fejn hemm il-Furjana, li tkun abitata, għar-raġuni li setgħet tirrepeti ruħha l-istorja ta' l-Imdina, meta l-Għarab fis-sena 1551, kienu bdew jibbumbardjaw is-swar tal-belt il-qadima, minn fuq bini fil-qrib. B'hekk kienu niżżlu l-kunvent li kellhom il-patrijiet ta' Santu Wistin, fejn il-lum hemm **Howard Garden,** jew kif ngħidulu aħna l-**Ġnien tas-Salib**, ir-Rabat.

Fejn issa hemm id-**Data Processing Branch,** fis-sena 1665 kienu bnew Porvlista, ftit snin wara li dik il-Porvlista li kien hemm fit-Triq tal-Merkanti, il-Belt, kienet splodiet nhar it-12 ta' Settembru 1634. Din kienet kważi biswit il-parroċċa ta' **Porto Salvo,** fuq in-naħa l-oħra, fejn kien hemm, u reġgħu bnewh, dawk il-flats magħrufa bl-isem ta' **Cotonera Buildings.**

Kienu għaddew sew sew mitt sena wara dak l-inċident, meta l-Gran Mastru Antonio Manoel de Vilhena (1722-1736) flok fejn kien hemm il-Porvlista, tħajjar jibni dar kbira biex fiha jilqgħu l-morda u x-xjuħ. L-ewwel ġebla tqegħdet fil-post mill-Gran Mastru stess nhar is-16 ta' Diċembru 1732, u meta tlestiet semmewha **Casa di Carità,** għalkemm kulħadd kien jafha bl-isem ta' **Ospizio.**

Id-dar kienet maqsuma f'żewġ sulari, kif għadha sal-lum. Fis-sular ta' fuq kienu joqogħdu n-nisa u x-xbejbiet, filwaqt li f'ta' isfel kienu joqogħdu l-irġiel.

Il-Gran Mastru ħejja regolamenti għat-treġija tad-dar, billi kienu jmorru jorqdu hemm ukoll il-fqar li ma kellhomx fejn iserrħu rashom matul il-lejl.

Id-dar kienet amministrata minn kummissjoni ta' għaxra min-nies, li fil-laqgħat tagħha kien jippresiedi dejjem wieħed kavalier tal-**Gran Croce.** Kien hemm staff mhux żgħir biex jilħqu dawk kollha li kien hemm rikoverati hemm. Kellhom kappillan impjegat disentu, ġardinar, skrivan, tabib, Kaptan għall-buon ordni, kok għall-kċina, caretaker tal-post, u bosta qaddejja.

Naturalment, mal-milja taż-żmien, kienu saru bosta tibdiliet.

L-aħħar regolamenti li saru għall-Casa di Carita kien żmien il-Gran Mastru Emmanuele de Rohan (1775-1797) b'degriet maħruġ mill-Palazz nhar it-28 ta' Jannar 1785.

## TAĦT TLETT ĦAKMIET

Ftit snin wara, il-gżejjer Maltin kienu bidlu l-bandiera tliet darbiet: it-tkeċċija tal-kavalieri minn Malta wara 268 sena ta' treġija; sentejn taħt dominazzjoni Franċiża, u żmien l-interregnun (1800-1813) meta kienet imħarsa mill-Ingliżi.

Imbagħad, il-gżejjer Maltin bit-Trattat ta' Pariġi, 1814, Malta daħlet tagħmel sehem mill-Imperu Ingliż, u nħatar Sir Thomas Maitland, l-ewwel Gvernatur, bniedem ta' politika fina, u statista.

Mill-ewwel ġimgħat tal-gvern ta' Maitland, bdew deħlin riformi ġodda, billi Malta u Għawdex donnhom kienu għadhom igħixu żmien il-brodu.

Waħda mill-ewwel riformi kienet dwar **The Reform of the Charitable Institutions,** digriet maħruġ bid-data 15 ta' Jannar 1816, wara li kienet għaddiet il-mewġa tal-pesta, li l-minġel tagħha kien ħasad bosta nies.

L-għadd ta' nies fil-**Casa di Carità,** jew fl-**Ospizju,** kien kiber ġmielu, għaliex minbarra minn dawk ix-xjuħ u morda, kienu ttrasferew ukoll hemm dawk ix-xebbiet u tfal iltima, li kienu jgħixu u miġburin fil-**Casa d'Industria,** fejn kienu jgħallmuhom u jitħarrġu fis-sengħa tal-ħjata u nsiġ.

Fis-sena 1816 fl-**Ospizju** kienu ttrasferew ukoll il-morda b'moħħhom fejn baqgħu sas-sena 1837, meta kienu meħuda fid-dar tal-kavalier **Franconi,** il-Furjana.

Fis-sena 1837 feġġet il-Kolera.

U, billi qalb dawk kollha li kien hemm rifuġjati fl-Ospizju kien hemm xi każijiet suspetti bil-marda, nhar it-13 u l-14 ta' Ġunju kienu ttrasferew 645 persuna minn madwar is-750 ruħ li kien hemm fl-Ospizju, lejn il-Fortizza tar-Rikażli. Wara ftit jiem kollha mietu, u difnuhom ġewwa fossa komuni fiċ-**Ċimiterju ta' Wied Għammieq.**

L-Ospizju, imbagħad, kien safa abbandunat għal xi żmien. Dawk il-morda u x-xjuħ, għall-ewwel kienu se jeħduhom fejn kienet il-Qorti l-qadima ta' l-Imdina, fejn il-militar kien għamel sanatorium għar-riġimenti, u wara kien issemma għad-Duke of Connaught. Dak il-Palazz kien bnieh il-Gran Mastru Antonio Manoel de Vilhena, u issa hemm il-Mużew ta' l-Istorja Naturali ta' Malta.

Wara żmien l-**Ospizju** għadda f'idejn il-Militar.

It-Taqsima tal-**Computer fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija,** semmewha għal Francis Rivalora, wieħed Korsikan, meta Korsika, fejn kien twieled ukoll

•ikompli f'paġna 9

# Tgħid... kien innoċenti?

**Kitba tal-Kavallier**
***Joseph Galea***

FIL-LEJL ta' bejn nhar il-Ħamis u l-Ġimgħa, 29 ta' Awissu 1760, żmien il-Gran Mastru Manwel Pinto, fl-Isla kien sar delitt, li għalkemm illum qajla għadu miftakar, jew imsemmi, kien ħalla dubju kbir u għagħa fost il-poplu jekk tabilħaqq kinitx saret ġustizzja għaqlija meta l-qattiel, kif ġie allegat, ġie mdendel fuq il-forka.

Wieħed bonavolja, jiġifieri wieħed li jew kien impjegat minn rajh, jonkella kien ġie kkundannat biex jaqdef fuq ix-xwieni, jismu Giovanni Vito, minn Napli, li kien miżmum fil-ħabs tal-ilsiera tal-Isla, ġie allegat li kien qatel lil sieħbu, wieħed bonavolja ieħor, u wara tefa' l-kadavru ġewwa bir.

Il-ħabs hekk imsejjaħ tal-ilsiera ma kienx ħabs ta' piena, imma kien post fejn kienu jinżammu l-ilsiera minn inżul ix-xemx sa l-għada filgħodu. Fil-Belt il-ħabs kien fi Triq San Kristofru bejn Triq Sant'Ursla u Strada Levante, lejn il-Barrakka t'Isfel. Dak tal-Birgu kien f'Sant'Anġlu kif titla' l-ewwel rampa għal fuq il-lemin, u l-ieħor tal-Isla kien lejn ix-xatt.

Fiż-żmien li kien sar dan il-każ, fis-sena 1760, il-liġijiet ta' Malta, minbarra li kienu bażati fuq dawk ta' Sqallija, kien hemm oħrajn li kienu saru mill-Gran Mastru Antonio Manoel de Vilhena: **Leggi e Costituzioni prammaticali rinnovate, riformate ed ampliate.** (Malta, G.A. Benvenuto, 1724, p. 226).

## PRETENZJONIJIET REDIKOLI

Il-Gran Mastru Emmanuele Pinto kien xtaq u ried li jagħmel riforma tal-liġijiet, imma kien mitluf wisq fuq affarijiet oħra. Aktarx li t-tilwim ta' spiss dwar ġurisdizzjoni bejn l-Isqof, il-Gran Mastru, u l-Inkwisitur, seta' kien fl-aqwa tiegħu dik il-ħabta. L-Inkwiżitur, bniedem barrani, kien jippretendi wisq għax kien ir-rappreżentant ta' Ruma, bħallikieku l-gżejjer Maltin kienu kolonja tal-Vatikan. Bosta mill-pretenzjonijiet tiegħu kienu saħansitra jirridikulawh, per eżempju bħal meta kien amar li jekk fit-triq jiltaqgħu ż-żewġ karrozzelli, tal-Inkwiżitur u tal-Gran Mastru, dan ta'



"...dak tal-Birgu kien f'Sant Anġlu..."

l-aħħar kellu jwaqqaf biex iħalli jgħaddi l-Inkwiżitur.

Pinto wara dak il-proġett li kienu għamlu l-Għarab, iżda fallilhom, biex ixejnu l-gvern tal-kavallieri minn Malta, kien aktar fi ħsiebu jgħasses fuq l-ilsiera li kien hawn jiġru mas-saqajn.

Fattur ieħor importanti kien is-sistema tal-Qrati ta' dak iż-żmien. Il-Qorti Kapitanali, imsejħa hekk għax kienet taqa' taħt il-**Capitano Della Verga**, tal-Imdina, u kienet għall-belt il-qadima u l-inħawi ta' rħula kollha, minbarra l-belt Valletta, il-Birgu u l-Isla.

Din il-Qorti kien imexxija l-Kaptan tal-Virga flimkien ma' żewġ Imħallfin, wieħed jirrappreżenta l-Qorti Kriminali, u l-ieħor lill-Qorti Ċivili. Il-Kaptan kien jieħu sehem fiż-żewġ Qrati. Fil-każ ta' kawża tal-kriminal, il-Kaptan tal-Virga kien ikun mgħejjun minn Imħallef u l-avukat fiskal.

Il-Qorti tal-**Castellania**, jew kif kienet magħrufa sa ftit taż-żmien ilu, il-Klistanija, kienet il-Qorti Ċivili, kriminali, u dawk hekk imsejħa **misti**, imħalltin.

Meta kienu arrestaw lil Vito, hu mill-ewwel stqarr li kien innoċenti. Imbagħad wara ftit jiem il-Pulizija ressquh quddiem il-Qorti, magħmula mill-Imħallfin Giulio Cumbo u Giuseppe Hasciak, mixli bil-qtil volontarju ta' sieħbu. Instemgħu ftit xhieda minn fost l-ilsiera l-oħra, u ġie kkundannat għall-mewt.

Għalhekk kif kienet id-drawwa, l-Imħallfin kienu jagħtu rapport tal-proċess u tas-sentenza lill-Gran Mastru, għalbiex hu bħala Suvran, jikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Qorti għat-tneħħija tal-ikkundannat, jonkella bis-setgħa li kellu kien jibdel is-sentenza għal żmien determinat fil-ħabs.

Il-Gran Mastru Pinto wara li kien sema u qrawlu r-rapport tagħhom, ċaħad li jagħti l-maħfra. Fil-palazz kienu marru għandu bosta dinjitarji tal-Ordni biex jitolbu lil Pinto biex jagħmel u juri ħniena mal-ikkundannat Vito. Iżda kien kollu ta' xejn, għaliex Pinto qalilhom li l-policy tiegħu kienet waħda, li ma jaħfirx lill-ħallelin li jkunu wettqu serq bi vjolenza.

Wara s-sentenza tal-mewt, l-ikkundannat kienu jeħduh fil-ħabs fi Triq San Ġwann, magħrufa bl-isem sal-lum it-Triq tal-Ganċ, fejn illum hemm il-HQ tas-Saint John Ambulance, biex joqgħod tliet ijiem kappella. F'dawk l-aħħar jiem ta' ħajtu, min jaf

•ikompli f'paġna 9

# Case of Dr. Francis Saliba, M.D., BSc, Phc, DJMH

Dear Sir

## REVISION OF PAST DISCIPLINARY CASE

Thank you for your letter dated 15 October 1988.

I am pleased to inform you that you have been found not guilty of the charges brought against you and that your consequent dismissal from the Police Force had been a miscarriage of justice. The Commissioner of Police has been informed accordingly.

In this connection, you are kindly requested to call at the Establishments Division at your convenience.

## TGĦID KIEN INNOĊENTI?

kemm kienet it-tensjoni tiegħu, imsejken, donnu jgħodd is-siegħat li jkunu qed jgħaddu minn fuqu, biex fl-aħħar iħallas b'ħajtu dak id-delitt li jkun għamel, żguri li ma tantx hu faċli li wieħed jirrassenja ruħu, Vito dejjem ipprotesta li kien innoċenti, li ma kienx hu li wettaq id-delitt, u li kien weħel hu bla ħtija.

Tabilħaqq li dawk li jiġu kkundannati kollha jgħidu hekk, iżda min jaf? Il-Bambin bissjaf is-sewwa....

Il-patrijiet li kienu jassistuh biex iħejji ruħu ħalli jidher quddiem it-tribunal ta' Alla, li żguri ma jistax jiżbalja, qalu li matul il-jiem kollha dejjem ċaħad li kien qatel, u żiedu jgħidu wkoll li hawn il-lejl qabel ma ġie meħud għall-forka, x'ħin kienu marru jistrieħu biex iħalluh waħdu jorqod ftit, kienu semgħuh jitlob, mgħannaq mal-Kurċifiss li kellu, b'talb li jqanqlek ukoll jekk ma tridx temmen. It-talba tiegħu kienet: Oh Alla tiegħi, Inti taf li jien ma wettaqtx dak id-delitt, Inti taf li jien mingħajr ħtija. Taf ukoll li jien se mmut mgħallaq. Tassew li jien jistħoqqli dan għal dnubieti li għamilt f'għomri, u nispera li inti taħfirli.

X'ħin wasal il-ħin biex jeħduh mat-toroq tal-Belt sakemm jasal għal ħdejn it-Tripunti, fuq l-għallies tal-Furjana, ftit 'il fuq minn Santu Rokku. Fit-triq kollha kien idur fuq in-nies li kienu nġemgħu bi ħġarhom bħallikieku kienu sejrin jaraw xi purċissjoni bħal tar-raħal tagħhom, jew xi spettaklu ieħor, hu kien idur u jistqarr l-innoċenza tiegħu.

Imbagħad x'ħin waslu fuq il-post tal-forka, inqratlu s-sentenza tal-mewt fil-pubbliku, iżda billi din kienet bil-Latin, Vito beda jipprotesta għax ma kienx qed jifhem dak li kienu qed jaqraw, u beda jgħajjat li ma kinetx saret ġustizzja miegħu. Imbagħad li huma wkoll għadd jidhru quddiem it-tribunal Divin biex jagħtu kont tal-inġustizzji kienu jagħmlu.

Il-bojja rabatlu l-ħabel ma' għonqu, il-patrijiet ma' ġenbu jgħidu t-talb, u hu baqa' jinsisti li ma kienx ħati tad-delitt.

Il-Gran Visconte, kif kien jissejjaħ il-Kummissarju tal-Pulizija dak iż-żmien, għall-kliem miksur ta' Vito bil-ħabel marbut ma' għonqu, infixel u ħassu ħażin, u nesa li jagħti s-sinjal biex il-bojja jiġbed il-ħabel. Vito fuq l-għatba tal-mewt, dar lejn il-bojja u qallu biex jgħaġġel jiġbed il-ħabel. U kif il-ħabel ingħafas ma' għonqu, instama' jgħid il-kliem: **Ġesù, Marija**, u ruħu taret lejn il-Ħallieq Divin.

Wara nofsinhar, imbagħad, kif kien soltu jsiru, ir-Rużarjanti li jieħdu ħsieb il-katavru tal-iġġustizzjati għad-difna, skond kif kienet titlob il-liġi dak iż-żmien, il-katavru kellu jiġi mutilat jiġifieri t-tobba jaqtgħu partijiet mill-katavru, biex ipoġġuhom f'inħawi fejn kien sar id-delitt għall-wirja, u biex iservu wkoll bħala nuffara għan-nies ħżiena, u jwissuhom li minn hemm jgħaddu jekk jagħmlu xi delitt. Skwartaw il-katavru, żewġ partijiet ipoġġuhom waħda ħdejn Sant'Anġlu, u l-oħra fil-Ponta tal-Isla, u żewġ partijiet oħra, waħda biex ipoġġuha fil-ħabs tal-Birgu, u l-oħra fil-ħabs tal-Isla.

Bosta drabi dawn il-fdalijiet mill-katavru kienu jitħallew u jintesew, sakemm idewdu.

Tgħid dan Vito kien tabilħaqq ħati tad-delitt?

## TAQSIMA COMPUTER
## FRANCIS RIVALORA

•ikompli minn paġna 7

Napuljun, kienet taħt il-protezzjoni ta' l-Ingilterra. Kien membru tar-riġiment **Smith's Union Brigade;** kien mar l-Eġittu mal-Ġeneral Abercrombie (li midfun Sant'Iermu), u meta reġa' lura Malta kien inħatar bħala Kap tal-Pijunieri Maltin fis-sena 1800. Fis-sena 1813, wara bosta avventuri tiegħu fl-Eġittu u fil-Korsika, **Inspector General of Police,** jiġifieri Kummissarju tal-Pulizija.

It-titolu ta' Kummissarju tal-Pulizija kien ingħata bosta snin wara: għaliex ta' kull tant żmien kienu jbiddlulu t-titolu, bħal **Magistrate of Executive Police, Inspector, Superintendent,** u żmien Claude Woodruff Duncan (1916-1919), il-kap tal-Pulizija issa beda jissejjaħ **Commissioner of Police.**

Kien jixraq tabilħaqq li billi Rivarola kien ħadem bi sħiħ u għen biex tkun tista' sseħħ ir-riforma tal-Korp, nhar it-12 ta' Lulju 1814, li innovazzjoni hekk neċessarja u sofistikata, kien jixraqlu li ismu jibqa' marbut mal-Korp, biex ikabbar il-ġieħ tal-Pulizija.



*Il-membri l-ġodda tal-Korp flimkien mal-Viċi Prim Ministru u mal-Kummissarju tal-Pulizija.*

# INGAĠĠ TA' 35 MEMBRU ĠDID FIL-KORP TAL-PULIZIJA

**Nhar it-Tlieta 24 ta' Jannar, 1989, 35 membru ġdid ħadu l-ġurament ta' lealtà lejn il-poplu u l-pajjiż.**

Iċ-ċerimonja saret fid-depot tal-Pulizija, wara li l-membri l-ġodda temmew b'suċċess eżami kompetittiv.

Saru diskorsi ta' l-okkażjoni kemm mill-Kummissarju tal-Pulizija s-sur Alfred Calleja kif ukoll mill-Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u Ġustizzja l-Prof. G. DeMarco B.A. LL.D. M.P., li awguraw lir-rekluti l-ġodda suċċess fl-impjieg il-ġdid tagħhom.

Preżenti għall-okkażjoni kien hemm diversi uffiċjali għolja tal-Korp, fosthom id-Deputat Kummissarju tal-Pulizija s-sur A. Mifsud Tommasi, u Assistenti Kummissarji.

# Dinner Dance organized by the No. 2 Police District

**A Dinner Dance was organized by PC 237 John Camilleri and PC 677 Joe Pace for members of the Force stationed at the No. 2 Police District, their families and guests.**

**This Dinner Dance was held on the 16th December, 1988 at the Selmun Palace Hotel. About 180 persons attended this Dinner Dance.**

**A cheque of Lm150 was later presented to Mons. Cachia, director of Mons. Gonzi Institute of Siggiewi by Superintendent Anthony Borg of the No. 2 Police District.**

**Present at the presentation, where amongst others, Assistant Commissioner of Police Mr. Paul Attard, Inspector N. Ciappara and other members of the Force.**





Pulic Ent. Committ

Tel: 607148

With grateful thanks for your generous donation of Lm.66 c...... and with a promise to remember You...... and all your intentions in our prayers.

God bless you.

Cheque No

Date 30 | 12 | 88

P. J. Bonello
Director
Id-Dar tal-Provvidenza
Residential Homes for the Handicapped
Siggiewi

№ 19555

*Mons. Cachia with the cheque which was presented by Supt. A. Borg, and right, the receipt for the above-mentioned donation.*

# Chubb

**total security systems**




- **Safes and Cabinets**
- **Burglar Alarms**
- **Fire and Gas Protection**
- **Electronic Systems**

Racall-Chubb Security Systems Ltd.
*Representatives for Malta and Libya:*

**PHILIP TOLEDO LIMITED** Notabile Road, Mriehel.
Tel: 444747, 445566, 231312, 491525.



# WIN Lm50,000

1 Prize of Lm50,000
1 Prize of Lm25,000
1 Prize of Lm10,000
5 Prizes of Lm1,000 each
5 Prizes of Lm500 each
20 Prizes of Lm250 each
33 Prizes of Lm100 each

**Buy your tickets NOW**

MALTA NATIONAL LOTTERY

With just Lm1
you can win Lm50,000

# MEXICO GARAGE

**MEXICO BUILDINGS**
**ZIMELLI STREET,**
**MARSA - MALTA**

***Showroom:***
***BORDIN STREET - MSIDA***

**LOUIS P. PACE**
**Telephone:**
**627111 - 221888 - 231077**

MOTO GUZZI










*Il-Pulizija Għawdxin (flimkien ma' Dr Paul Farrugia) meta marru jagħtu d-demm fil-Bank tad-Demm fil-Furjana.*

# PULIZIJA GĦAWDXIN JAGĦTU D-DEMM

# DONATURI PULIZIJA OĦRA JIKKUPJAWHOM

## MILL-ISPETTUR R.G. ZAMMIT

**Wara dak li diġà għedtilkom dwar l-eżerċizzi fiżiċi li bdejna fil-gżira t'Għawdex, waħda mill-ħafna diskussjonijiet li nħobb insemmi waqt dan is-suġġett, huwa proprju l-għoti tad-demm. Lanqas ilħaqt spiċċajt l-appell tiegħi, li sħabna l-Għawdxin ma kienux pronti u kkontribwew demm għal dan l-att umanitarju. Mhux inqas minn sittin membru mill-Korp f'Għawdex offrew li jagħtu d-demm. Dan seta' jsir f'żewġ okkażjonijiet, fejn iltqajna bħas-soltu u morna nagħtu d-demm fil-Bank tad-Demm fil-Furjana.**

**Preċiżament dak inhar kienet ukoll ġurnata sabiħa u speċjali għall-imsemmi Bank, peress li kienu għadhom kif ġew irregalati magna/fridge speċjali biex tintuża għal dan il-qasam li hu tant bżonnjuż f'kull pajjiż. B'turija ta' veru ħabib, id-Direttur tal-Bank, Dr Paul Farrugia M.D., għaqqad dawn iż-żewġ avvenimenti flimkien, u bħas-soltu, qgħad ifiehem il-bżonn ta' aktar donaturi.**

**Barra minn hekk, Dr Farrugia rringrazzja lil sħabna Għawdxin b'ringrazzjament speċjali, peress li dawn ikunu jridu jaqsmu bejn iż-żewġ gżejjer u b'hekk ikollhom ibakkru sigħat qabel.**

**Donaturi oħra għall-aħħar tas-sena kienu erba' rekluti li kienu qegħdin jattendu kors ġewwa l-Akkademja tal-Pulizija f'Sant'Iermu. Id-differenza din id-darba kienet li dawn kienu mħallta – rġiel u nisa. Dan l-att umanitarju għamluh preċiżament fil-ġranet sbieħ tal-Milied, sewwa sew meta d-domanda għal aktar demm tkun tixbaħ lil dik tas-Sajf. Dawn ir-rekluti wkoll ġew irringrazzjati personalment mit-tabib Farrugia fejn ukoll b'paċenċja kbira qgħad ifehemhom li ma hemm l-ebda riskju ta' mard meta wieħed jagħti d- demm.**

**Jiddispjaċini li ritratt ta' dawn ta' l-aħħar m'għandix, però kemm lilhom, kif ukoll lill-Għawdxin kollha, lill-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Alfred A. Calleja, kif ukoll lill-Administration Staff ta' l-Akkademja Dr Saliba u l-Kurunell Valenzja, li dejjem taw widen għal sejħiet bħal dawn,**

**Lil dawn kollha ngħidilhom Grazzi minn qalbi.**





# INAWGURAT L-EWWEL GYMNASIUM GĦALL-KORP TAL-PULIZIJA



*Il-Viċi Prim Ministru waqt il-kxif tal-plakka tal-Gymnasium f'Ta' Kandja (ritratt fuq). Jidhru wkoll il-Kummissarju s-Sur A. Calleja, Fizzjali u Fr J. Allesandro.*

**Kien nhar it-13 ta' Lulju 1988 li ġie nawgurat l-ewwel gymnasium għal Korp tal-Pulizija mill-Ministru responsabbli għal pulizija u intern l-Onor. Prof. Gwido Demarco LL.D. M.P. kif ukoll mill-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Alfred Calleja. Dan il-Gymnasium jinsab fil-complex tat-taħriġ li l-pulizija għandha ġewwa Ta' Kandja u ġie mbierek minn Father Joe Allessandra tal-Kappuċċini.**

Għal min hu veru sportiv, dan l-avveniment kien veru ta' min wieħed jieħu pjaċir bih, għal ħafna raġunijiet, (a) waħda għax kienet ilha tinħass il-ħtieġa li l-pulizija tħaddan gymnasium, u t-tieni għax fil-korp hemm ħafna sportivi speċjalment li jipprattikaw il-weights u sports ieħor. Barra minn hekk issa wieħed jibda jistenna li l-membri tal-korp jibdew iżommu ruħhom aktar 'fit' statura aħjar kif wkoll il-għaqda għandha tikber, għax żgur kull min hu sportiv l-għaqda għandu jifhimha, ifittixha biex jakkwista żgur.

Ix-xogħol fuq dan il-proġett 'żgħir' sar minn diversi membri tal-korp tal-pulizija stazzjonati fis-S.A.G. li għal kważi ħames xhur sħaħ ħadmu id f'id u għal sigħat twal biex dan kollu seta' jitlesta. Qiegħed ngħid 'proġett żgħir' għax min area li verament kienet mitluqa u żdingata, ġiet trasferita f'wieħed mill-isbaħ gymnasiums li hawn, mingħajr ma nkun qiegħed immaqdar lil ħadd u ta' ħadd. Għalkemm baqa' xi xogħol xi jsir, dan xorta waħda jista' jibda jintuża.

Il-makkinarju li fih dan il-gymnasium huwa ta' livell għoli ħafna u ta' kwalità mill-aqwa. Grazzi għas-suġġeriment mgħoddi lill-Ministru Gwido Demarco u lill-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Alfred Calleja li mill-ewwel fehmu l-ħtieġa ta' dan kollu biex b'hekk seta' jinxtara dan il-makkinarju li sewa eluf u eluf ta' liri. Barra minn hekk il-gymnasium iħaddan fih ukoll faċilitajiet oħra bħal sala ta' 'Judo' u marshal arts oħra bl-aċċessorji meħtieġa kollha għal dawk il-membri li jridu jibdew jipprattikaw xi wieħed minn dawn l-isports. Barra minn hekk ġiet irranġata wkoll area oħra wkoll ma' l-istess gymnasium għal dawk li jridu jipprattikaw il-logħba tal-basketball.

Biex il-gymnasium ikun komplut b'kollox ġew installati wkoll showers u toilets kif ukoll changing room-massage room u store. Ġie rranġat ukoll uffiċċju żgħir biex ikunu jistgħu jinżammu records aħjar ta' dawk kollha li jiffrekwentaw il-gymnasium. Il-post imsemmi sejjer jibda jitmexxa minn pulizija stess li huma midħla sewwa ta' ċertu sports, bħal P.C. 1209 A. Camilleri, P.C. 174 G. Abela kif ukoll P.C. 1010 E. Vassallo.

Għal darb'oħra grazzi lil dawk kollha li ħadmu fil-gym speċjalment lil P.C. 402 A. Grixti u P.C. 1297 C. Magri kif ukoll lill-pulizija pittur P.C. 1455 F. Vella li verament taw sehemhom minn qalbhom, kif ukoll lil ħafna oħrajn li mpossibbli li nsemmihom kollha li anke bl-inqas għajnuna li taw, żgħira kemm hi żgħira, setgħet tittwettaq il-ħolma ta' ħafna dilettanti membri fil-korp kif ukoll ix-xewqa tiegħi li dan iservi ta' ġid u għaqda għal kulħadd.

**Appell: Nappella lill-membri tal-Korp tal-Pulizija biex kemm jista' jkun jingħaqdu aktar f'attivitajiet sportivi biex permezz ta' hekk inkunu nistgħu ningħaqdu aktar u nifhmu aktar lil xulxin.**

Grazzi,
Spettur R.G. Zammit.



# IL-PULIZIJA U L-EŻERĊIZZI FIŻIĊI



*MILL-ISPETTUR RAYMOND G. ZAMMIT*

**Kif aħna ħbieb? Qabel xejn is-sena t-tajba, u nispera li f'din is-sena naħdmu aktar flimkien u naqdfu iżjed 'il quddiem f'dawk li huma eżerċizzi fiżiċi.**

Ilna ftit ma niltaqgħu, però konvint li ma waqaftux u bqajtu għaddejjin bl-eżerċizzi. Kienu ħafna dawk il-membri speċjalment żgħażagħ li qaluli biex inkompli ngħaddilkom aktar u aktar eżerċizzi fiżiċi, biex b'hekk il-Korp tal-Pulizija jkollu aktar membri b'saħħithom u 'smart'.

(1) Nibdew mill-ewwel għal aktar eżerċizzi, biss qabel xejn tajjeb li wieħed ifakkar biex vista għand it-tabib ma niskartawha qatt. Tajjeb wieħed igħid li storja fiżika għand it-tabib kuranti hija tajba għal xi kumplikazzjonijiet li jistgħu jinqalgħu 'l quddiem.

L-ewwel eżerċizzju ġdid li sejjer ngħidilkom għal din il-ħarġa, huwa dak li jissejjaħ **'OPEN STRECHED ARMS'**. Dan it-tip ta' eżerċizzju huwa ħafif biex tipprattikah, però trid tagħmlu bil-għaqal. Igħin ħafna biex kemm is-sider kif ukoll id-dirgħajn iżommuhom f'kundizzjoni tajba, speċjalment waqt taħriġ kemmxejn ta' strapazz. Dan l-eżerċizzju jsir, billi wieħed joqgħod dritt, b'riġlejh xi għoxrin ċentimetru mbegħdin, il-pali ta' l-idejn bil-ponot ta' subgħajna f'nofs is-sider u nibdew niftħu jdejna kemm nistgħu lura kif ukoll 'il bogħod. Wara nerġgħu mmorru għall-istess pożizzjoni li konna fiha qabel. Waqt li jkun qiegħed isir dan, is-sider irid imur



1



1A



2

kemmxejn 'il quddiem u nieħdu nifs tajjeb il-ġewwa u naturalment wara l-barra. Minn dawn irridu nagħmlu tlett sets ta' (20) reps kull darba. Biex igħinkom ħarsu lejn Fig (1) u Fig (1A).

(2) It-tieni eżerċizzju li sejjer ngħidilkom huwa dak li jissejjaħ **'TESTING ARMS'** Ifhmuni sewwa. Kull ma rridu nagħmlu huwa li wieħed joqgħod dritt fl-istess pożizzjoni ta' l-eżerċizzju ta' qabel dan. L-id il-leminija noħorġuha dritta l-barra bil-pala miftuħa u tħares 'il fuq. L-id ix-xellugija npoġġuha ftit lura mill-minkeb ta' l-id il-leminija u bil-pala miftuħa tħares l-isfel. Kif inlestu din il-pożizzjoni, nibdew l-eżerċizzju, billi l-id ix-xellugija ntellugħha 'l fuq u l-id il-leminija nniżluha 'l isfel b'kemm għandna saħħa. B'hekk li jkun qiegħed isir huwa s-saħħa ta' l-idejn kontra xulxin. Jekk ikun hemm xi membru tal-familja jew xi ħabib filqrib, tajjeb li jipprova jagħmlilkom ftit tas-saħħa fuq l-id li tkun qiegħda tagħfas 'l



2A

isfel, biex b'hekk tkunu qegħdin tħossu d-differenza ta' saħħa li tkunu qegħdin tagħmlu. Wara ibdlu għall-id l-oħra. Minn dawn għamlu ma l-għaxar (10) darbiet forza fuq kull id.

Biex ngħinkom ħarsu lejn Fig (2) u Fig (2A).

(3) It-tielet eżerċizzju li sejjer ngħidilkom huwa dak li jissejjaħ **'TWISTING OF WRIST'**. Dan l-eżerċizzju jsir billi wieħed joqgħod fl-istess pożizzjoni ta' qabel dan. Nibdew billi noħorġu l-id il-leminija fil-pożizzjoni li tidher Fig (3). Wara, nilwu l-pala ta' l-id il-leminija lejna, però tib-

# IL-PULIZIJA U L-EŻERĊIZZI FIŻIĊI


3


3A



qa' dritta, inpoġġu ż-żewġt iswaba ċioè il-werrej u ta' ħdejh li jiġi ta' fejn is-subgħa l-kbir ta' l-id ix-xellugija ma ġewwa tal-pala ta' l-id il-leminija, inpoġġu is-subgħa l-kbir ta' l-id, ix-xellugija fin-nofs tal-wiċċ tal-pala ta' l-id il-leminija, u bih nagħmlu forza li nkomplu nilwu l-pala ta' l-id il-leminija. Min-naħa l-oħra, il-pala ta' l-id il-leminija trid tagħmel xogħolha fejn tipprova ma tħallix lis-subgħa ta' l-id ix-xellugija jilwi. B'hekk tkun qegħda ssir forza kontra forza li tkun sejra tgħinha għal eżerċizzi aktar tqal fil-ġejjieni. Biex ngħinkom ħarsu lejn Fig (3B). Minn dawn għamlu (2) sets ta' (20) reps fuq kull id.

(4) Ir-raba' eżerċizzju huwa dak li jissejjah **'RAISING BACK ARMS'.** Dan l-eżerċizzju jgħin biex insaħħu kemm il-maskoli u kemm il-ġogi tar-riġlejn. Dan isir billi wieħed joqgħod dritt, jitfa' jdejh it-tnejn id f'id fuq wara, u jipprova jgħollihom kemm jista' 'l fuq, mingħajr ma wieħed jintlewa mill-qadt 'l isfel. Wara erġgħu niżluhom għal pożizzjoni li kontu. Minn dawn għamlu (2) sets ta' (10) reps kull darba. Ħarsu lejn Fig. (4).


4

(5) Il-ħames eżerċizzju li sejjer ngħaddilkom għal din id-darba huwa dak li jissejjah **'OVERTURNED CYCLES'.**

Dan l-eżerċizzju jsir billi wieħed jimted ma' l-art, itella' saqajh 'il fuq it-tnejn ma' xulxin, poġġu l-pali ta' l-idejn man-naħa ta' wara tal-'hips' u ibda aqdef qisek qiegħed issuq rota. Importanti huwa li ma titfixklux f'saqajkom stess, iżda aqdfu b'ritmu tajjeb u mgħaġġel. Dan l-eżerċizzju jgħin ħafna fil-maskoli tar-riġlejn kif ukoll biex wieħed igħin biex jeħles minn dik id-daqsxejn ta' żaqq żejda. Minn


5

dawn għamlu (3) sets ta' (3) minuti l-wieħed. Biex ngħinkom ħarsu lejn Fig. (5).

(6) Is-sit eżerċizzju u l-aħħar wieħed għal din il-ħarġa huwa dak li nsejħulu **'GROIN STRECHING'.** Dan l-eżerċizzju nagħmluh billi wieħed joqgħod bil-qegħda ma' l-art, inpoġġu

•ikompli f'paġna 15


6


6A



# ONLY SICK PEOPLE NEED DRUGS

**Introduction:**

This article is intended to provide a basis for discussion of the place of medicine and drugs in children's lives. Wherever possible, allow children to begin the discussion of the picture before adults participate. For very young children, the texts may need to be read; however, wait until it is necessary. Ask children if they can figure out the meaning of the next before they read it or have it read to them.

Emphasis should be on the theme "Only Sick People Need Drugs." This should be part of the discussion for each picture. The purpose of this theme is to reach children with this idea as early as possible so that their subsequent experiences with drugs will bring the idea to mind again and again. "Only Sick People Need Drugs" is a concept that can easily be reinforced and will stick with the child whenever the problem of drugs arises.

Try to use these pictures one at a time, and use them within the context of a unit or discussion of health and safety. The more natural the development of these ideas in existing curricula the better.

Parents can use other materials such as advertisements on TV and in magazines to begin the discussions. Note the problem of drug advertisements on TV, especially as they affect the attitudes of very young children. Often they are really telling viewers that everyone needs drugs.

The ideas in these pages will only be effective if children are helped by adults to understand them.

If you are sick, you may need rest in bed, and perhaps you may need medicine.

1. When children are asked to see this picture, the words should be read and a discussion of illness begun. Children should be asked whether they or anyone they know has been ill. The discussion will



come to medicine. At this point, there should be emphasis on the fact that only people who have an illness need medicine. Ask the children if they know another word for medicine. They will probably come up with the word drug. Depending upon the age and sophistication of the child, a general discussion of drugs and medicine can result. The issue of drug abuse and narcotics may arise, but the teacher or parent should not raise it at this point. Emphasize the fact that there is no one drug for all illnesses, and that drugs are not the only way to cure an illness.

# IL-PULIZIJA U L-EŻERĊIZZI FIŻIĊI

•ikompli minn paġna 14

l-qiegħ ta' saqajna ma' xulxin u fl-istess ħin niġbduhom il-ġewwa kemm jista' jkun. Wara nifirduhom billi, l-ewwel noħorġu s-sieq il-leminija mingħajr ma nkaxkruha ma' l-art, wara noħorġu s-sieq l-oħra l-istess mod mingħajr ma nħalluha titkaxkar ma' l-art. Minn dawn irridu nagħmlu (3) sets ta' (10) reps kull darba.

Ħarsu lejn Fig. (6) u Fig (6A).

Naħseb li għal din il-ħarġa tajtkom biżżejjed x'tagħmlu jew aħjar x'tippruvaw. Dejjem inżommu f'moħħna biex ma nittraskurawx l-eżerċizzji l-oħra mgħodija lilkom. Infakkar li fil-ħarġa li jmiss sejjer ngħafas iżjed fuq l-eżerċizzji għar-riġlejn fejn juruna kif għandna nieħdu ħsiebhom u nsaħħuhom aktar.

Grazzi u saħħa. Niltaqgħu darb'oħra.

## APPELL

Il-Korp tal-Pulizija ta' Malta qiegħed jippjana u jaħdem fuq proġett sabiex jiġi mwaqqaf

### MUŻEW TA' OĠĠETTI U STORJA TAL-KORP TAL-PULIZIJA

fejn jiġu esibiti materjal, ta' liema natura jkun, li għandu x'jaqsam ma' l-istess Korp.

Għalhekk, nistiednu lil dawk kollha li għandhom xi oġġetti, bħal Ritratti Qodma, Dokumenti, Midalji, badges, Ilbies eċċ., li jistgħu jirregalawhom, jew jisilfuhom ħalli nieħdulhom ritratti, sabiex jagħmlu dan, biex il-Mużew jiġi attrezzat kif inhu xieraq.

Min igħin f'dan ir-rigward, ismu jitniżżel f'Album ta' Tifkira fis-Sala ta' l-Esibiti.

Nirringrazzjawkom minn issa.

## IL-KNISJA QADIMA TA' BIRKIRKARA

# Ġawhra ta' arkitettura

**□ IL-KNISJA l-Qadima ta' Birkirkara hi ġawhra ta' l-arkitettura. Din bdiet tinbena fl-1617 bi flus Dun Filippu Borg u bil-flus tal-parruċċani ta' dak iż-żmien. Dan tixhdu l-kitba bil-Latin li tidher fil-faċċata ta' barra. Il-pjanta saret mill-arkitett Vittorio Cassar, iben il-famuż Ġerolamu Cassar, u spiċċaha l-perit Tommaso Dingli.**

**mill-Kav. FRANK BORDA VASSALLO**



*Ritratt li juri l-faċċata tal-Knisja l-'Qadima' ta' Birkirkara, li tinsab ftit 'il bogħod mill-'Istazzjon tal-Ferrovija' – illum ġnien pubbliku.*

Jingħad li l-iskultura, jew aħjar ix-xogħol tal-bizzilla, ġiet maħduma minn żewġ briganti Sqallin li ħadu l-kenn hawn. Fil-faċċata hemm ħames armi sbieħ ħafna u dawn huma tal-Gran Mastru Alof de Wignacourt, ta' Filippu II – Re ta' Spanja, ta' Dun Filippu Borg, ta' l-Isqof Baldassaru Caliares u ta' Dun Indri Galea, li kien Viċi.

Dun Filippu ħa l-pussess tiegħu fl-1594. Fl-1618 l-Isqof Caliares għamel żjara pastorali f'din il-Knisja. Fl-1630 twieldet l-ewwel kolleġġjata.

Ta' preġju kbir hu l-Kurċifiss ta' l-injam li kien hemm fuq l-artal maġġur u l-istatwa tal-Madonna tad-Duttrina magħmula wkoll mill-injam.

Il-Knisja nbniet fuq stil Latin. Il-benefattur u fundatur ta' din il-Knisja kolleġġjata jinsab midfun f'qabar fin-nofs tal-Kor ta' l-istess Knisja. Fil-11 ta' Jannar 1969 il-Prepostu u l-Kapitlu ħasbu biex jirranġaw din il-Knisja. L-ewwel Stilla ġdida tas-saqaf tqiegħdet fl-1 ta' Ottubru 1969. F'Marzu tlestiet parti mill-Kursija u fl-1971 insibu artal li fin-nofs tiegħu hemm ostja sabiħa mdawra b'erba' anġli lesta minn kollox.

Il-Knisja ħadet ma' l-40 sena biex tlestiet.


MALTA POLICE

# DRUGS
CRIMEPHONE

**HELP THE POLICE FIGHT DRUG ABUSE**
**If you have any information RING**

**233146/9**

**Leave your message on our 24-hour Servicephone. All information treated as STRICTLY CONFIDENTIAL.**

# IL-POLICE SOCIAL CLUB

*Laqgħa mal-Kummissarju tal-Pulizija*

# Leħen l-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti

**Fis-27 ta' Jannar 1989, delegazzjoni mill-Kunsill kellha laqgħa mal-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur Alfred A. Calleja, mgħejjun fid-diskussjonijiet mis-Supt. Joe C. Gauci, biex tiġi diskussa l-materja dwar il-Police Social Club.**

Id-delegati tagħna fissru lis-Sur Calleja l-ħtieġa li għandhom ikollhom dan il-Club, fejn il-membri tal-Korp li għadhom iservu u l-ex membri, flimkien mal-familji tagħhom, ikollhom post ta' rikreazzjoni fil-ħin liberu tagħhom.

Is-Sur Calleja wiegħed lid-delegati li se jieħu l-inizjattiva biex dan l-iskop jintlaħaq, għax huwa wkoll esprima l-opinjoni li hija ħasra li l-membri u l-ex membri m'għandhomx post tagħhom fejn iqattgħu l-ħin tar-rikreazzjoni.

Id-delegati min-naħa tagħhom irringrazzjaw lis-Sur Calleja għall-interess li wera sabiex jiġi akkwistat il-lokal għal dan il-għan u biex il-Club jirnexxi.

# MUTUAL HELP ASSOCIATION

Il-kontribuzzjoni ta' Lm1 li tħallset mill-membri tal-Malta Police Mutual Help Association għax-xhur ta' Settembru/Diċembru 1988, marru għad-dipendenti tal-membri hawn taħt imsemmija.

Ex-P.S. 133 C. Vella li miet 19.3.88.

Ex-P.C. 618 C. Mizzi li miet 17.7.88.

Ex-P.C. 438 V. Thorne (Scotland) li miet 16.3.88.

Ex-P.C. 694 P. Debono li miet 16.7.88.

Ex-P.S. 503 F. Darmenia (Australia) li miet 5.12.87.

Ex-P.C. 629 J. Vassallo (Australia) li miet 30.12.87.

Ex-P.C. 185 F. Busuttil li miet 1.5.88.

Ex-P.S. 601 D. Lodge li miet 10.9.88.

Is-somma li tħallset jew għad trid titħallas lid-dipendenti ta' dawn il-membri laħqet total ta' Lm313.00,0 (jiġifieri 2504 kontribuzzjoni).

Nissuġġerixxu li l-ħlas ikun ta' Lm3.00,0 f'daqqa għas-sena kollha.

# GĦALL-ATTENZJONI TAL-MEMBRI TAL-MUTUAL HELP ASSOCIATION

Ġejna mitluba mill-Uffiċjal inkarigat minn din l-Assoċjazzjoni, sabiex nagħmlu appell lill-membri kollha li huma residenti barra minn Malta, biex jaħtru Prokuratur li jkun residenti hawn Malta – biex fl-assenza tiegħu (tal-membru) ma jkunx hemm problemi u diffikultajiet biex jitmexxew il-proċeduri legali.

Minħabba dan in-nuqqas ta' Prokuratur, l-Assoċjazzjoni għandha każi pendenti li ilhom aktar minn tlett snin, u ma tistax tittieħed deċiżjoni fuqhom. Kull ħlas tas-somma dovuta lill-werrieta hija marbuta bil-liġi u trid issir legalment.

Għalhekk inħeġġu lil dawn il-membri (referut għalihom fl-ewwel paragrafu ta' dan l-avviż), sabiex jinteressaw ruħhom u jilqgħu dan l-appell – u huwa fl-interess tagħhom li jagħmlu dan, biex il-proċeduri legali jsiru fl-iqsar żmien possibbli.

**Fuq talba li saret minn familja ta' ex-membru anzjan, biex jiġi rikoverat f'xi dar ta' l-anzjani ta' l-Istat, il-Kummissjoni Morda tagħna ħadet il-passi meħtieġa billi bagħtet ittra lill-Onor. Louis Galea, Ministru għall-Politika Soċjali, biex jintlaħaq dan il-għan. Illum għandna l-pjaċir inħabbru li din it-talba ġiet milqugħa, u dan l-anzjan qiegħed rikoverat fil-kumpless li hemm St. Vincent de Paul.**

## □ INTERVISTA MA' EX-P.C. 58

# PAUL BRIFFA

**Leħen l-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti**

**•L-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti għal darb'oħra kompliet bis-sensiela ta' intervisti ma' wħud mill-Pensjonanti Anzjani tagħha, u din id-darba, ċioè fis-17 ta' Jannar, 1989, il-President tal-Għaqda Lorry Muscat, akkompanjat mill-Viċi President Joe M. Borg li bħas-solitu jieħu ħsieb li 'script' ta' dawn il-paġni, u t-Tekniku Vincent Zahra, Segretarju Finanzi, marru jagħmlu żjara lil ex-Kuntistabbli Nru. 58 Paul Briffa, fid-dar tiegħu Nru. 35, Maitland Street, il-Ħamrun.**

Is-Sur Briffa ġie mitlub jirrakkonta xi ġrajjiet jew episodji dwar il-karriera tiegħu fil-Korp tal-Pulizija, u saħansitra wara li spiċċa mis-Serivizz.

### INGAĠĠ FIL-KORP TAL-PULIZIJA

Fl-età venerabbli ta' 81 sena, is-Sur Paul Briffa beda biex qal li wara li attenda għal erbgħa snin fil-Kulleġġ ta' San Alwiġi, huwa mar jgħix ma' zijtu, il-Floriana, li kellha binha Chief Engineer u dan ħajjru jmur miegħu fuq il-baħar fejn dam madwar sena u seba' xhur mal-War Department. Is-Sur Briffa kompla jgħid li fl-1927, għal ħabta ta' l-Elezzjoni Ġenerali, ħassu ferm offiż meta, minkejja li skola li kien jaf, offrewlu xogħol fil-ġebel li naturalment ma aċċettahx. Huwa sostna li dik il-ħabta il-politika kienet tiddeffes ħafna fl-għoti tal-impjiegi, almenu fil-konfront tiegħu, tant li eventwalment ħajruh jidħol fil-Korp tal-Pulizija.

"Fil-fatt, meta kelli biss 19-il sena" kompla jirrakkonta, "fiż-żmien is-Sur Ullo, Ajjutant, u sewwa sew fis-6 ta' Lulju, 1927, dħalt bħala Kuntistabbli fir-Riserva, bin-numru 22. Il-Kummissarju kien is-Sur Stivala. Għaddiet l-Elezzjoni u ġejt 'disbanded', biss ilħaqt għamilt perijodi żgħar, "on and off" għassa mat-Tankijiet ta' Birżebbuġa jew ma' xi merkanzija, il-Marsa, u fi żmien il-passa għamilt seba' ġimgħat St. Andrews. Imbagħad dan ix-xogħol spiċċa u sibt ruħi barra. Fis-6 ta' Ġunju, 1929, bagħtu għalija mill-ġdid, u għalkemm kont ftit qasir fit-tul ħdejn l-oħrajn, imma peress li kont naf nitkellem u nikteb tajjeb bl-Ingliż, flimkien ma' ħamsa oħra



PAUL BRIFFA

minn fost ħamsin raġel, sirt Kuntistabbli Regolari bin-numru 58. Dik il-ħabta ma kienx hemm Kummissarju tal-Pulizija iżda l-Korp kien immexxi minn Kummissjoni komposta mis-Sur Salvu Galea (li aktar tard laħaq Kummissarju), Captain Galea tal-Port u Lord Strickland, bħala Chairman. Għamilt madwar xahrejn taħriġ id-Depot, ħdimt ftit mas-C.I.D. meta imbagħad ġejt 'transferred' għall-Imsida, u hemm domt 4 snin. Il-paga kienet 4 xelini kuljum (20 cents)."

### WEGĦEDIET FIERĦA

Is-Sur Briffa imbagħad irrakkonta fatt ta' meta l-Ajjutant ta' dak iż-żmien, ħabib tal-familjari tiegħu, wegħedu promozzjoni ta' Kapural fl-Uffiċċju tal-Passaporti. "Minflok, kaġun ta' Spettur", qal ex-P.C. Briffa, "sibt ruħi bi 'crime' quddiem il-Kummissarju, u ġejt trasferit il-Ħamrun, biex nagħmel 'Fixed Point Duty' fuq it-'Traffic Island', u f'din il-ħajja domt 7 xhur, meta imbagħad tefgħuni għassa l-Marsa. Dik il-ħabta, is-Supritendent Meli ordnali biex nagħmel 'duty' il-Ħamrun, ngħin lil ex-P.C. 17 Joseph Scicluna. Faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija u jien ġejt ordnat nagħmel xogħol klerikali fl-Uffiċċju Distrettwali u kont responsabbli għall-ħruġ ta' ċitazzjonijiet, eċċ., u anke sostitut tas-Surġent 'in charge' meta dan kien jaħbat b'xi 'leave'."

Ex-P.C. Briffa ftakar fi ġrajja ta' kif kien sejjer isib ruħu trasferit Għawdex għalkemm, kif qal huwa, ma tantx kien jiddispjaċih, peress li ommu kienet tibża wisq hawn Malta bil-bombi u bl-'air raids'. "Mela daraba" qal is-Sur Briffa, "waqt li kont fl-Uffiċċju fuq xogħoli, il-Ħamrun, ġejt ordnat biex nagħmilha ta' 'driver' u intella' lis-Supt. Busuttil il-Police War Headquarters, Fleur-de-Lys. Kif wasalna, daqq 'Air Raid Warning' u kelli bil-fors nieħu kenn fix-xelter; hemm isfel iltqajt ma' ċertu Spettur li kont għamilt żmien stazzjonat miegħu l-Imsida u dan qabadli argument fuq il-kwalità ta' 'air raid shelters' li kellna. Semmejtlu x'ħerba ġrat il-Ħamrun ftit jiem qabel kaġun ta' tfiegħ tal-bombi mit-Taljani, u dan il-Fizzjal irrimarka li dawn jagħmlulna hekk għax nobgħoduhom. Qbiżt jien u għidtlu: 'għalhekk lilkom tawkhom is-Subsistence Allowance, u lilna ma tawniex?' L-għada sibt ruħi quddiem il-Kummissarju bi 'crime' u li ma qalulux kemm kont bniedem ħabrieki u li kont nieħu ħsieb ħija li kien paraletiku, kieku żgur li kont insib ruħi 'transferred' Għawdex. Minflok, weħilt żewġ franki!"

### FERĦA OĦRA BLA TEMMA

"Darba waħda ċempilli ex-Supt. Joseph Spiteri li kien għadu Kuntistabbli fl-Uffiċċju ta' l-Ajjutant, u dan qalli li jien u

huwa konna se' nsiru Surġenti. Fil-fatt, huwa laħaq Surġent u jien bqajt fejn kont. Wara kelli nkun naf li s-Supritendent Kissaun kien irrakkomandani għal promozzjoni rapida bħala apprezzament tax-xogħol li kont nagħmel b'dedikazzjoni kbira, iżda kif kien qalli huwa stess, Alla jaħfirlu, kien hemm xi ħadd li kellu xi 'grudge' kontrija fid-Depot. Aktar tard, lis-Sur Kissaun bagħtuh Bormla fil-waqt li l-Ħamrun ġie is-Supritendent Victor Bonello."

## ĠLIEDA TAL-KLIEB

"Kien il-Ħadd, meta waqt li kont fl-uffiċċju wara nofs-in-nhar ġie l-Kummissarju Axisa ma' xi Uffiċċjali oħra, u ried ikun jaf minn għandi, apparentement qalulu li jien kont naf min huma in-nies fid-Distrett, fejn ċerti persuni kellhom jiltaqgħu biex iġelldu l-klieb tagħhom. Ħriġt mill-Għassa, sibt 'informer' li qalli li kellha issir ġlieda f'għalqa fi Triq Ħal-Qormi u mhux in-naħa tal-Biċċerija, il-Marsa. Meta għidt b'dan lil Kummissarju, huwa ma emminnix. Intant, meta marru l-Pulizija fuq il-Kanal, il-Marsa, ma sabu xejn. Ftit ħin wara, daħħlu xi nies l-Għassa b'ħafna klieb b'widinthom feruta u s-Supritendent Bonello ordnali biex noħorġilhom ċitazzjoni b'urġenza. Staqsejtu taħt liema provvediment tal-liġi sejrin jiġu akkużati, qalli xi ħaġa li, almenu skond l-opinjoni tiegħi ma kienetx tidher applikabbli, insomma għamilit kif qalli huwa, ħriġt komparixxi u ċitazzjonijiet u servejthom dak il-ħin stess. Fil-għaxija, infurmajt lil Maġistrat

**Leħen l-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti**

George Camilleri u l-għada fil-għodu s-Sur Bonello flimkien ma' l-Ispettur Coppola ressqu l-ewwel sitta mill-akkużati li, kif kont nistenna, ma nstabux ħatja u ġew liberati kollha. Il-Qorti talbet lil Prosekutur, is-Supt. Bonello, biex jirtira l-kumplament tal-każi, iżda dan issottometta li jiġu **'sine die'**."

## MEDICAL BOARD

"Għadda ftit żmien, u rrejalizzajt li ma stajtx inkompli naħdem taħt dan is-Supritendent. 'vacation leave', 'sick ieave' ma kontx naf x'inhuma, u allura iddeċidejt li ngħaddi Bord Mediku. Fil-fatt, fis-7 ta' Frar, 1945, ġejt 'boarded out'. Minkejja li għamilt rappreżentazzjonijiet għal benefiċċju ta' korriment meta weġġgħajt spallti fuq vapur fi żmien il-Gwerr, ir-riżultat kien negattiv, u l-pensjoni li tawni kienet biss ta' żewġ liri, tnax-il xelin u ħames soldi (Lm2.62) fix-xahar!"

Is-Sur Briffa ma kellux inċidenti partikolari ta' min isemmihom fejn huwa kien involut direttament fihom matul l-aħħar gwerra, ħlief forsi meta waqgħet bomba fuq karozza tal-linja, il-Marsa, u ħa parti billi ġarr uħud mill-kadavri; bosta mill-passiġġieri kienu mietu bin-nirien.

## DIVERSI IMPJIEGI

Is-Sur Paul Briffa ġie mistoqsi x'għadda minn għalih wara li spiċċa mis-Servizz, u dan qalilna: "Ħdimt bħala Overseer mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi, iżda wara irnexxieli insib post aħjar b'salarju tajjeb mal-B.O.A.C. u domt sal-1954. Wara ġietni xewqa li mmur il-Kanada u niltaqa' ma' missieri li kien ilu hemm għal bosta snin impjegat bħala Lecturer f'waħda mill-aqwa Universitajiet ġewwa Montreal.

Wara li mort il-Kanada u erġajt ġejt lura Malta, komplejt naħdem ma' l-Malta Airways, iżda wara xi żmien bidluli ix-'shift' minn bi nhar għal dak ta' bil-lejl u din il-bidla ġegħlitni nħalli l-impjieg. Wara, dħalt naħdem mar-Rediffusion Company u għamilt tliet snin u tlaqt għax weġġajt sieqi. Imbagħad ħdimt għal perijodu ta' tliet snin oħra ma' l-International Life Insuracne sakemm fl-aħħar iddeċidejt li nerfa' mix-xogħol darba għal dejjem, u hekk għamilt.

## IL-FAMILJA

Bil-pensjoni ta' marti li kellha miċ-Ċivil, b'tiegħi mis-Servizz, dak tan-National Insurance, eċċ., ridt li nkompli niddedika ruħi u nistinka sabiex l-ambizzjoni ta' ibni li jsir tabib isseħħ fir-realtà. Bl-għajnuna ta' Alla, wassaltu fejn xtaq huwa. Sfortunatament, tmien snin ilu tlift lil marti, Alla jaħfrilha; kienet mara eżemplari ħafna, edukata, twajba u tal-familja. Ibni iżżewweġ tliet snin ilu u martu hija wkoll tabiba bħalu". Mistoqsi x'passatemp għandu, is-Sur Briffa wieġeb "Jiena inħobb ħafna il-qari tal-

KUMMISSJONI ENTERTAINMENT

# KOMPETIZZJONI KARNIVALESKA

**Bħal ma għamlet fis-snin imgħoddija, il-Kummissjoni Entertainment din is-sena wkoll ħadet ħsieb sabiex torganizza kompetizzjoni karnivaleska, għat-tfal tal-familji ta' l-ex membri tal-Korp. L-etajiet tat-tfal varjaw minn 4 sa tnax-il sena.**

Bħas-soltu, dawn kienu mqassma f'żewġ taqsimiet – u l-ewwel tlett l-aħjar ilbiesi f'kull taqsima skond il-ġurija, ġew mogħtija trofew kull wieħed.

Din is-sena wkoll wieħed seta' jara bosta kostumi sbieħ li l-ħjata tagħhom kienet tassew perfetta u ta' sengħa kbira. It-tfal komplew ikabbru din l-okkażjoni bl-allegrija ferrieħa tagħhom, u taw sodisfazzjon lil kull min kien preżenti. Fuq kollox spikkat dik id-daqsxejn ta' 'pika' onesta bejniethom – min minnhom se jirbaħ.

Ir-riżultat ħareġ tajjeb ħafna, u ma kien hemm l-ebda dubju dwar id-deċiżjonijiet tal-ġurija fl-għoti tal-klassifikazzjoni ta' l-aħjar ilbies f'kull taqsima. Il-ġurija esperta li ġiet inkarigata għal dan ix-xogħol qdiet il-missjoni fdata f'idejha u tassew ħarġet bl-unuri.

L-organizzaturi jixtiequ jirringrazzjaw lil kull min għen u ħa sehem f'din is-serata ferrieħa, speċjalment lit-tlett membri tal-ġurija, lit-tfal li ġabu ruħhom tassew dixxiplinati, u lill-membri tal-familji tagħhom li għenu biex kif diġà tennejt, din is-serata karnivaleska rnexxiet.

Fit-8 ta' Jannar ġiet organizzata bħas-solitu 'Get Together' u li ta' kull sena jiġi sponsorjat mill-fondi tal-Korp tal-Pulizija.

# GET TOGETHER 1989

Għal ħabta tal-ħdax ta' fil-għodu, wasal il-Kummissarju s-Sur Alfred A. Calleja, akkumpanjat mill-Asst. Kummissarju s-Sur Pawl Attard, u mill-President tal-Għaqda tal-Pensjonanti, is-Sur Lorry Muscat, li ġew mogħtija merħba u ovazzjoni minn dawk preżenti. Dawn ingħaqdu ma' l-ex membri u ġew reċiprokati x-xewqat għas-sena l-ġdida 1989.

Waqt li l-Kummissarju kien qiegħed idur jitkellem mad-diversi ex-membri huwa semma l-fatt li sa ftit taż-żmien ilu huwa kien wieħed minnhom – jiġifieri pensjonant, u għalhekk għandu esperjenza ta' kif il-pensjonanti jqattgħu l-ħin liberu tagħhom. Il-Kummissarju esprima l-opinjoni li l-ex membri għandhom jagħmlu parti mill-Korp tal-Pulizija, u għaldaqstant għandhom jiġu trattati kif jixraq – għaliex kull membru li qiegħed iservi fil-Korp għad jista' wkoll jasal biex ikun pensjonant ukoll.

Qabel ma l-Kummissarju u l-Asst Kummissarju ħallew is-sala, il-President s-Sur Muscat irringrazzjahom talli dawn aċċettaw l-istedina u ġew jiltaqgħu mal-Pensjonanti tal-Korp, irringrazzjahom ukoll ta' l-għajnuna li jagħtu lill-Għaqda tal-Pensjonanti fil-bżonnijiet tagħha, u fl-istess waqt xtaq suċċess lill-Kummissarju fil-ħidma iebsa u delikata li ġiet fdata lilu.

Minn naħa tiegħu s-Sur Calleja rringrazzja lill-Għaqda u lill-President tagħha għall-istedina li saritlu. Fit-tmiem tad-diskors tiegħu, huwa ta x-xewqat it-tajba lil kulħadd, u wiegħed li jibqa' jagħti l-għajnuna tiegħu lill-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti.

Ta' min wieħed jinnota li għalkemm l-attendenza ta' din is-sena żdiedet għal din l-attività annwali, jiddispjaċina nistqarru li huma bosta dawk l-ex membri tal-Korp li ma jattendux għal din il-laqgħa soċjali.

Wieħed għandu jifhem li din l-attività ssir ta' kull sena sabiex ta' l-anqas darba fis-sena l-ex membri tal-Korp jiltaqgħu flimkien – sabiex minbarra li jagħtu l-awguri lil xulxin, jifirħu b'din il-laqgħa ta' bejniethom u anke jġeddu l-memorji tas-snin fil-Korp li jkunu għamlu flimkien, għax anke iebsa kemm kienet iebsa, xi ftit tan-nostalġija bilfors iġġib lil kull wieħed minna.

Għalhekk nieħdu din l-okkażjoni u nappellaw lill-ex-membri tal-Korp, anke dawk li forsi qatt ma taw każ u attendew xi attività ta' din l-Għaqda, sabiex jibdew jattendu għall-attivitajiet tagħna, għax fuq kollox, dak li jsir u jiġi organizzat ikun sar b'sagrifiċċju minn min għandu għal qalbu lill-pensjonant.

Aħna dejjem sostnejna li l-Għaqda hija ndipendenti u ma tħarisx lejn kuluri. Meta ġiet imwaqqfa ġiet imwaqqfa bi skop wieħed – il-ġid, ir-risq, u bħala mezz ta' għajnuna għal kull ex membru tal-Korp.

*Intervista ma' Ex-P.C. 58*

## PAUL BRIFFA

kotba: hekk inqatta' ħafna mill-ħin liberu tiegħi".

**KARRIERA SODISFAĊENTI**

U fl-aħħarnett, fuq domanda li saritlu, is-Sur Briffa temm din l-intervista b'dawn il-kliem: "Matul il-karriera tiegħi fil-Korp tal-Pulizija, jiena kelli is-sodisfazzjoni li nagħti xogħol tajjeb, u li kont, bl-għajnuna t'Alla dejjem onest; biss, kif kienu saħansittra ammettew miegħi ċerti superjuri, fir-rigward ta' 'promotions' jiena kelli xortija ħażina. Minkejja dan, jiena dejjem tajt xogħol fidil u tajjeb li kien rikonoxxut minn bosta uffiċċjali, fosthom is-Sur Eddie Bonnici Soler, u mill-Maġistratura".

**Fil-waqt li l-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti tirringrazzja lis-Sur Paul Briffa ta' din l-Intervista li tagħna, permezz ta' dan il-Magazine, issellimlu u tawguralu għomor twil u feliċi.**

## MUTUAL HELP ASSOCIATION

**Dawn il-membri sħabna ħallew dan il-wied tad-dmugħ matul ix-xhur li għaddew, biex daħlu fis-Saltna tas-Sema.**

**Agħtihom O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem.**



**EX-P.C. 618 CARMELO MIZZI**



**EX-P.C. 571 S. CASSAR**



**EX-P.C. 480 LAWRENCE BONAVIA**

Ftit taż-żmien ilu miet is-Sur Edgar Ellul, li kien joqgħod B'Kara Street, San Ġiljan. Interessanti l-fatt tas-Sur Ellul huwa li mingħajr ma dan kien membru tal-Korp tal-Pulizija, huwa kien membru tal-Malta Police Mutual Help Association.

Mir-rekord jirriżulta li dan beda jħallas il-kontribuzzjonijiet fil-25 ta' Marzu 1931 – kważi minn mindu bdiet tiffunzjona l-Assoċjazzjoni. Interessanti l-fatt għaliex is-Sur Ellul, filwaqt li ma kienx membru fil-Korp, kien membru fl-Assoċjazzjoni, meta din kienet ristretta għall-membri tal-Korp biss.

Is-Sur Ellul twieled fid-19 ta' Novembru 1904. Bħala impjieg, huwa kien iservi fis-servizz ċivili, u fl-1 ta' Awissu 1928, kien Temporary Proof Reader tal-Parlament, u Shorthand Writer ma' l-Assemblea Leġislattiva sa l-14 ta' Marzu 1931. L-għada huwa beda jaħdem bħala Auxilary Clerk mal-Korp tal-Pulizija sat-8 ta' Ġunju 1938. Wisq probabbli li waqt dan l-impjieg huwa daħal membru fil-Mutual Help Association tal-Korp.



Forsi ilek ittella' u tnižžel li jkollok id-dar tieghek. Wasal iż-żmien li twarrab il-ħolm fil-ġenb u tagħmel pass il-quddiem biex tikseb id-dar tiegħek.

Lohombus Corporation Limited tista' tgħinek biex tixtri jew tibni darek billi toħroġlok self għal tul ta' żmien skond il-mezzi tiegħek.

Tista' tikseb informazzjoni sħiħa mill-uffiċju tagħna u mill-fergħat kollha tal-Bank of Valletta Limited u tal-Mid-Med Bank Limited f'Malta u Għawdex.

**LOHOMBUS CORPORATION LIMITED**

**Development House, Floriana. Tel.: 232673, 231412, 224291, 605013.**

PULVICH EXPLOSIVES INDUSTRIES

Manufacturers & Suppliers of Mining Explosives and accessories
Propellant powders, sporting ammunition and Deep Rock
Drilling machines.

"PULVICH HOUSE"
101, ARCHBISHOP STREET, VALLETTA
TEL.: 225287-607707



# FIREARMS

By
P.S. 1315
E. SAMMUT
(BALLISTICS UNIT)

PART 1
(CONTINUED)

This part is a continuation of the 1st Part which appeared in the November/December issue of "IL-PULIZIJA" magazine.

**·22/·32 Hand Ejector (Bekheart Model), 1912-1953**

The Bekheart is one of the success stories of Smith & Wesson, and one most often quoted in defence of private tinkering with factory designs. Mr. Phil B. Bekheart was a San Francisco arms dealer, and for some years before 1911, he had been urging the firm to produce a heavy frame ·22 target revolver. He suggested using the current 'Model 1' ·32 frame but the firm was doubtful if there would be a demand. Bekheart promptly ordered 1000, and sold them in short order; thereupon the firm went into production.

There were several changes and improvements to the original design over the years, but the basic pistol was a standard hand Ejector Model fitted with a 6 inch ·22 barrel, and a heat-treated cylinder chambered for the Long Rifle. Sights were fairly elaborate, and special grips were fitted over the standard butt frame. It was a successful target weapon, benefitting from a generally excellent lock design of the Ejector Models.

**·22/·32 Target (Model 35), 1953-**

This is the latest version of the ·22/·32, and has few differences from the pre-war models. There is now a new sight, a lat top cylinder release and a 6 inch barrel.

**·22 First Model Ladysmith, 1902-1906**

This small revolver was another of Daniel Wesson's own design, and was the first ·22 revolver produced in the firm for twenty-eight years. It was meant as a personal protection weapon, and was frequently carried by women, hence the name. In fact, the butt was so small that it was not easy for a man to hold and shoot it. It weighed only 9½ ounces, and was chambered for seven ·22 Long cartridges.

The Ladysmiths were all hand ejectors, and this first one had a rear cylinder lock only. The locking bolt was copied and adopted from the larger calibre models, and was operated by the small thumb stud on the left of the frame. Barrels were offered in 2¼, 3 and 3½ inches, and more than 4500 complete Ladysmiths were made and sold.

**Second Model Ladysmith, 1906-1910**

Changes were made to the locking of the cylinder for the Second Model, and a front lock added. The thumb piece was discarded, and the cylinder was released by pulling forward the lug under the barrel. Barrel lengths were reduced in number to 3 and 3½ inches only, and these few changes must have satisfied the customers, since 9,300 were sold in four years.

**Third Model Ladysmith, 1910-1921**

The third model was really gilding the lily of the previous two. A rebounding hammer was fitted (with which, nobody would quarrel), but the variety of barrel lengths was increased to four ranging from 2½ to 6 inches, the latter apparently to be for target work, a role that the Ladysmith was never meant to be considered for. Smooth walnut stocks were standard fittings, and a gold Smith & Wesson medallion was let into them The butt was squared off and became a little easier to hold.

The idea was obviously good was the public bought no less than 12,000 of this, the last of the Laysmith models.

## PART 2

**K-22 Hand Ejector, First Model 1930 – 1940.**

This revolver was a logical extension of the practice of fitting ·22 cylinders and barrels to heavy frames, in order to produce a satisfactory target revolver without having to ask an outragous price. In theoutdoorsman, the only change from the model 1905 Fourth Change ·38 – which was the basic frame – lay in the use of a floating firing pin in the frame, and a flat faced hammer. The weight was about 35 ozs., which was adequate, but not unusual in the increasingly competitive atmosphere of precision target shooting.



*Smith & Wesson K-22 Masterpiece.*

# FIREARMS

**K-22 Hand ejector, Second Model (Masterpiece), 1940 – 1942.**

For the second model K-22, an anti back lash trigger and speed lock action were inserted, with definite improvements in the shooting. Only 1,600 were made before War Production stopped the line.

**K-22 (·22) Masterpiece Model 17 – 1946.**

This is the third model of the K-22, and the first only from its predecessors in having a rib along the barrel, and special grips. It was followed by the model 48 which chambers the Winchester Magnum rimfire (WMR) cartridge.

**·22 Combat Masterpiece (Model 18) 1950.**

The combat masterpiece is much the same as the K-22 but has a 4 inch barrel and a ramp foresight for quick drawing.

**·22 Jet Magnum 1961**

The Magnum uses the remington jet centrefire cartridges. These are high velocity cartridges of a quite different design from the normal ·22. The case is long and bottle necked. The bullet is long and pointed and weighs 40 grains. Muzzle velocity is 2190 ft/sec. and the design of the revolver needs to be more than usually strong to accept the loads imposed on it.

The Jet Magnum uses the small 'K' frame, and the cylinder will take most types of ·22 ammunition by chamber inserts. There are two floating firing pins in the frame, and the hammer can be set to fire either. One pin strikes centre fire cartridges, the other the rimfire.



*Smith & Wesson .22 M41-Heavy Barrel.*

**·22 Model 41 – 1951.**

The model 41 is a blowback target pistol, and the firm's first ·22 target automatic. It is a carefully made and very accurate weapon, quite large and heavy. There is a detachable muzzle brake which also acts as a compensator to some extent, and reduces the upward kick. A 5 inch barrel was introduced in 1958, and in 1961 a version chamber for ·22 short appeared. In 1965, the Model 41 heavy barrel was brought out, weighing 1 oz more. A cheaper version, the Model 46, does not carry all the detailed equipment of the 41, and is finished in a dull blue. As with the 41, it has a 10 round box magazine in the butt.

**·32 Revolvers SA 1877 – 1892.**

The idea for the ·32 revolver came from Colt, who introduced theirs in 1875 and made an immediate success of it, although the cartridge was no more refined than many others from that factory. Smith & Wesson waited until 1877 to reply, and than brought out a graceful version of the Smith & Wesson ·38 with a sweeping bird's head grip, and a 5-chambered cylinder. Unfortunately, a half cock was omitted, and it was adviceable to carry the weapon with the hammer resting on an empty chamber.

The cartridge followed the now usual design philosophy of reducing the powder charge and enlarging the case diameter to accomodate a bullet which was a



*Smith & Wesson .32 4th Issue.*



*Smith & Wesson .32 New Departure.*

tight fit in the bore, and the result was, again, a most accurate weapon. The standard barrel was 3½ inches long, but there was a six inch barrel also. The revolver was a steady seller until 1892, when it was discontinued. By then, 97,540 had been made and delivered.

**·32 SA Pocket Rifle, 1880 – 1885.**

The pocket rifle was an idea of one of the Wesson brothers, and it turned out, not a very good idea. In 1880 there were no small calibre repeating-rifles suitable for shooting small game, and the firm decided to offer one to fill this gap in the market. The idea was to make an extra-long barrelled revolver in a small calibre, and add a shoulder stock – not a new idea, as there were several ·22 and ·25 types in the catalogues of rivals. But the Smith & Wesson version was to be more powerful and accurate.

The basis was an improved Russian frame, chambered for a new ·32 round, one loaded with a 17 grain bullet and 100 grains of powder. A shoulder stock was slotted in the butt, and a barrel extension was screwed on to give 16, 18 or 20 inches of total length, together with a moulded rubber fore-end.

It shot well, but suffered from the usual trouble of revolver rifles in that the flush from the front of the cylinder burnt the left wrist, and many firers disliked having a flash so close to the face. A total of 977 were made, and sales were difficult for some years, though eventually the entire stock was disposed of. The cartridge was more successful, and was incorporated in some pistols.

**·32 Calibre Safety Revolver: First Model 1888 – 1902; Second Model 1902 – 1909; Third Model 1909 – 1937.**

The ·32 Safety was simply a smaller version of the ·38, and it took the lead from the larger one in incorporating any new modifications. The description of one, is therefore, very much the story of the other, and it is not intended to repeat the details of the design here (see ·38 Models). The ·32 enjoyed a steady popularity throughout it's long life, roughly 240,000 being manufactured, in all, in very nearly three equal quantities. It was an ideal pocket weapon, and sold to those who took little account of ballistic performance, for it fired a low powered cartridge which was unlikely to inflict more than a minor wound on an assailant.



*Smith & Wesson .32 Hand Ejector.*

**·32 Hand Ejector: First Model 1896 – 1903.**

This was Smith & Wesson's first swing out cylinder revolver, and it was not a very inspired design. The frame was clean and simple, and in general principles, followed Smith & Wesson precedent and shape, apart from the crane pivot in the bottom strap. The five-chambered cylinder was retained by a centre pin which locked into a hole in the rear of the frame, and was removed by pulling forward the ejector rod. There was no forward lock.

The cylinder stop was activated by the hammer, a method which the firm had dropped in 1881, and the stop notches were lined with hardened shims to reduce wear. There was a top rib along the barrel, which as usual, came in more than one length., 3¼, 4¼ and 6 inches. Although not a novel design, it set the pattern for the remainder of the family, and gained a firm place in the market by selling nearly 20,000 against what must have been steady opposition from the American gun trade.

**·32 Hand Ejector: Model 1903 – 1904.**

The faults of the first model soon became apparent, and the 1903 version is almost a different gun. The unsatisfactory cylinder stop was moved to the bottom strap, and the cylinder pin was now locked at both front and rear. The front of the pin was held in a solid lug, forged as part of the barrel. A thumb piece on the left side of the frame, convenient for the thumb, released the cylinder when pushed forward. The result was a sensible and strong arrangement, which positively held the cylinder in place.

The rib along the top of the barrel was dropped, and the barrel was slightly tapered. It still came in three lengths of the first model.

This 1903 model set the stage for many years, and became one of the steady money spinners of the firm. It went through continuous change and improvements in minor details, and practically every version was sold in target form as well as the service type. For all of them, black rubber grips were standard, as were the three barrel lengths. Each is described in very general outline in the following paragraphs.

In 1904, the first change was marketed, with a different cylinder stop and some alterations to the trigger. In 1906, the second change appeared with more changes to the trigger and rebound slide was added. In 1909, the third change made further improvements to the mechanism and gave a little more drop to the hammer. In 1910, came the fourth change, with yet more detailed changes to the mechanism, followed later in the same year by the fifth change, in which some entirely new components were incorporated. This was the Model

•ikompli f'pagna 25



*Uħud mit-tfal li attendew għall-Party.*



*Voluntiera qed iqassmu r-refreshments lit-tfal waqt il-party.*

# ATTIVITAJIET ORGANIZZATI MILL-ENTERTAINMENT COMMITTEE TAL-KORP TAL-PULIZIJA

**Bħas-snin ta' qabel, l-Entertainment Committee tal-Korp tal-Pulizija, organizza l-attivitajiet soċjali għall-festi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena.**



## ☐ PARTY TAL-MILIED GĦAT-TFAL

Waħda mill-aktar attivitajiet mistennija kienet dik tal-party tal-Milied għat-tfal tal-membri tal-Korp.



*Charles F. Borda 'Robot Dancer' waqt il-'mixja' tiegħu.*

Preparamenti għal dan il-party, li sar nhar il-Ġimgħa, 23 ta' Diċembru, 1988 fl-Istitut Kattoliku, il-Furjana, bdew minn xhur qabel biex ikun jista' jiġi organizzat fuq livelli għolja.

Għal dan il-party ġew mistiedna tfal ta' bejn 5 sa 12-il sena. Tfal ta' bejn 2 sa 4 snin ma setgħux jattendu minħabba raġunijiet ovvji, ġew mogħtija rigal li nġabar mid-Depot tal-Pulizija.

Entertainers għal dan il-party kienu l-Police Musical Group, Charles Frank Borda, Robot Dancers u Kris Attard Magician.

Ringrazzjamenti jmorru għall-membri tal-Kumitat u lill-helpers li l-ħin kollu kienu attivi bit-tqassim ta' ikel u minerali lit-tfal preżenti.




*Kris Attard 'Magiċian' f'waħda mill-azzjonijiet (maġiċi) tiegħu.*

# ATTIVITAJIET ORGANIZZATI MILL-ENTERTAINMENT COMMITTEE TAL-KORP TAL-PULIZIJA

## ☐ IL-BALLU TAL-PULIZIJA

**It-tieni attività li ġiet organizzata fiż-żmien tal-Milied, kienet dik tal-Ballu tal-Milied li sar fil-Phoenicia Ballroom nhar it-Tnejn, 26 ta' Diċembru, 1988.**

Din l-attività fakkritna f'dik tas-sena l-oħra li bil-konkorrenza tal-membri tal-Korp u l-familjari tagħhom reġgħu għamlu dan l-avveniment suċċess kbir u xhieda ta' dan kollu wieħed jista' jgħid li attendew madwar elf u erbgħa mitt ruħ li mlew il-Ball Room daqs bajda u żifnu għall-mużika provduta lilhom mill-Police Musical Group u mill-Pops Disco. Preżenti fost oħrajn kien hemm il-Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u Ġustizzja Prof. G. DeMarco B.A., LL.D., M.P., il-Kummissarju tal-Pulizija u uffiċjali oħra tal-Korp u membri.

Għal darba oħra, is-servizz tal-bar ġie provdut mill-istaff tal-Kċina tal-Pulizija li kemm lilhom kif ukoll lill-Police Musical Group ngħidulhom grazzi u prosit tas-servizz tajjeb li dejjem taw.

## ☐ DINNER DANCE

**L-aħħar attività li ġiet imħejjija għas-sena 1988 mill-Kumitat ta' l-Entertainment kienet Dinner Dance, li sar nhar il-Ħamis, 29 ta' Diċembru, 1988 fil-Hilton Hotel. Għal dan id-Dinner Dance attendew madwar 250 persuna. Il-mużika kienet għal darba oħra provduta lilna mill-Police Musical Group. Fost il-250 persuna li attendew kien hemm preżenti l-Ministru DeMarco u s-Sinjura tiegħu, il-Kummissarju tal-Pulizija u s-Sinjura tiegħu, u uffiċjali oħra tal-Korp u membri.**

Fl-aħħar ta' din is-serata saret ġabra b'risq id-Dar tal-Providenza, Siġġiewi, liema ġabra kienet tammonta għas-somma ta' Lm66.

Il-Membri tal-Kumitat ta' l-Entertainment jixtieqare jirringrazzjaw lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor taw l-għajnuna tagħhom matul is-sena kollha f'kull attività li ġiet organizzata biex l-attivitajiet organizzati jkunu suċċess u jħajjar aktar membri tal-Korp biex jagħtu l-għajnuna tagħhom lill-Kumitati l-ġodda fis-snin li ġejjin.

# FIREARMS

•ikompli minn paġna 23

on which the Bekheart ·22 target was based.

The last of this venerable line was made in 1917, when about 263,000 completed revolvers had been produced in the various model changes. Few customers can have been aware of the progressive alterations that were put into the many variants, but 1911, further changes were made, and the resulting revolver was announced as a completely new model.

**·32 Hand Ejector: Third model 1911 – 1942.**

In fact, this third model was no more than the 1903 model, with a much improved mechanism. A hammer block was fitted, which positively prevented the hammer falling onto a cartridge unless the trigger was pulled. In 1917 a version called 'regulation police' was introduced, the only difference being in the shape of the butt, which became square. Production of the third model ceased in 1942, but the regulation police continued, and became the standard ·32 revolver of the firm.



*Smith & Wesson .32 Regu-lation.*



*1953 Model .22/.32 Kit Gun.*

# Il-MUŻEW TAL-KATTIDRAL

Kitba ta'
JOSEPH
C. CAMILLERI

**•Kull pajjiż li għandu storja twila ta' ċiviltà għandu numru kbir ta' xogħlijiet ta' l-Arti. Malta, għalkemm misruqa mill-ħakkiema barranin għandha numru ġmielu ta' xogħlijiet ta' l-arti.**

Insibu bosta knejjes u mużewijiet mimlija b'dawn ix-xogħlijiet, fosthom wieħed irid isemmi l-mużew tal-Kattidral ta' San Ġwann il-Belt.

Il-bidu tiegħu kienet għotja ta' inċiżjonijiet li kienu miġrija f'xi kmamar maġenb il-Kattidral. Maż-żmien, il-ħwejjeġ storiċi bdew jiżdiedu u għalhekk kien hemm il-bżonn ta' mużew. Dak iż-żmien kien hemm bini vojt viċin il-Palazz ta' l-Isqof. Inħatar kumitat ta' esperti taħt it-tmexxija tal-Mgr. Prof. E. Coleiro. Sar xi restawr fil-bini u ppreparaw l-għamara biex jesibixxu l-materjal storiku fiha.

Kien fl-4 ta' Jannar 1969 li l-Arċisqof ta' Malta, Mgr. Mikiel Gonzi, f'ċerimonja speċjali fil-Kattidral ta lil Kapitlu tal-Kattidral il-bini li darba kien Seminarju biex ikun il-post biex iservi bħala mużew tal-Kattidral. Din iċ-ċerimonja kienet tassew waħda simbolika. Il-bini huwa tas-seklu tmintax u aktarx huwa xogħol il-perit Giovanni Barbara.

Il-bini fih żewġ sulari, u l-kollezzjoni f'dan il-mużew tista' tinqasam fi tlett partijiet. Hemm it-taqsima li fiha ħwejjeġ storiċi li għandhom x'jaqsmu ma' l-istorja tal-Kattidral jew mal-Knisja f'Malta.

Hemm taqsima oħra li fiha nsibu xogħlijiet artistiċi bħal pittura u inċiżjonijiet.

It-tielet taqsima fiha arkivji li għandhom x'jaqsmu ma' l-istorja tal-Knisja. Dawn l-arkivji fihom tlett taqsimiet. Hemm arkivji tal-Kattidral li juru t-tmexxija tad-Djoċesi Maltija. Insibu wkoll arkivji tal-Muniċipju jew Komun Malti. Bosta minn dawn fihom id-data ta' qabel il-wasla ta' l-Ordni ta' San Ġwann f'Malta – jiġifieri qabel is-sena 1530. Fl-aħħarnett, insibu arkivji ta' l-Inkwiżitur, jiġifieri l-ħwejjeġ marbutin ma' dan l-uffiċċju bejn is-snin 1574 u 1798.

Il-parti t'isfel insibu ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mal-Kattidral ta' qabel. Dan il-Kattidral inqered riżultat ta' terrimot li kien sar fis-sena 1693. Insibu wkoll ħwejjeġ arkeoloġiċi li nstabu fl-inħawi tal-Kattidral. Ta' min isemmi l-panewijiet li kienu parti mill-kor tal-Kattidral il-qadim. Dawn kienu nħadmu ġewwa Katanja fis-sena 1481, u nbidlu ma' oħrajn li hemm illum f'nofs is-seklu l-ieħor.

Is-sular t'isfel hemm fih xogħlijiet mużikali, bosta minnhom mill-pinen tal-'Maestri' di Cappella' tal-Kattidral. Insibu wkoll xogħlijiet ta' Francesco Azzopardi (1748-1809). F'din il-parti t'isfel wieħed isib ukoll, għall-wiri ġewwa vetrina, biċċiet ta' manuskritt taż-żmien tan-nofs li fih parti mill-"Sermones" ta' Santu Wistin.



Albrecht Durer (1471-1528)
**"The Virgin in Glory"**
(Mużew tal-Kattidral)

Fl-istess sular, hemm esebiti kollezzjoni ta' muniti minn kull rokna ta' l-istorja nazzjonali. Insibu muniti taż-żmien il-Griegi, Rumani u ta' l-Ordni ta' San Ġwann. Hemm esebiti wkoll muniti tal-pajjiżi li Malta kellha kummerċ magħhom.

Bħala parti minn dan il-mużew, hemm ir-Refettorju (kamra ta' l-ikel) li ħallewha fl-istess stat oriġinali tagħha – jiġifieri bil-panewijiet, imwejjed, bankijiet, u l-Bank kbir tal-qarrej. Insibu wkoll żewġ kmamar, waħda ddedikata lil Mgr. Mikiel Gonzi, u l-oħra lil Dun Karm Psaila, il-poeta nazzjonali.

Il-parti ta' fuq fiha l-kappella tat-tħabbira ta' l-Anġlu Gabriele lil Sidtna Marija. Din il-kappella ġġib id-data tas-snin 1733, u saret a spejjeż l-Isqof Alpheran. Ġiet rregalata bosta rigali min-nies għonja, u mill-Gran Mastru Vilhena. Fiha ħames pittura ta' Antoine de Favray. Il-kritiċi ta' l-Arti jgħidu li hija ġawhra ta' l-arti arkitettonika taż-żmien l-aħħar tal-Barokk. Ix-xogħlijiet ta' Favray huma minn dawk minn ta' l-ewwel li għamel f'Malta. Fil-parti li tagħti

•ikompli f'paġna 34

GATT

# GATT BROTHERS (MOSTA) LIMITED

GENERAL BUILDING CONTRACTORS

**FORT ROAD, MOSTA, MALTA**

Telephone 441132-440111

Cables: Limestone




**CHARLES DARMANIN CO. LTD.**

**32, ST. PAUL STREET, VALLETTA**

**TEL: 624310 – 620201**

# The role of the Police in Criminal Investigations

**ALL articles found on the scene of crime are to be photographed in the same position and in the place in which these are found or noticed by the Police and/or the experts. If the area is exposed to the elements of rain and wind, care must be taken to have the examination of the scene affected as quickly as possible; if it is not possible to effect is very early, then steps must be taken to protect it from the possible rain or wind which could damage if not ruin a lot of clues. Care must also be taken to leave pieces of glass or other, articles which might bear fingerprints on the floor or on tables etc. They should first be photographed in the position as found, then they are to be picked up and placed in such a way that the possible fingerprints are not smudged and also so that there would not be the danger that the glass would be damaged or broken. The best way to preserve such pieces of glass is to place them at an angle.**

When the scene of crime is being examined, the Investigator is to be on the alert to see whether any particles are found which were alient to the place. In fact very often the thief or the culprit would leave something behind him, either he dropped accidentally or else when he was disturbed he might have left in a hurry and consequently he could have left something behind him. These would also have to be photographed in place, before being picked up and carefully preserved. This is of utmost important because if those articles are at a later stage connected to a suspect, then that person would be directly connected to the scene of crime.



*"...Then all these exhibits are later sieved at the Laboratory and those required would be retained while others would be put aside".*

As regards marks of fingers etc the Police are never to stop the search when they have come across them, but the complete and thorough search is to be affected perhaps other marks could be found. Fingerprints found could be those of the owner or his relatives but could also be those of the culprits. It is possible that the first set found would belong to a "new hand", that is to a culprit who would not have as yet been convicted and therefore the Police would not have fingerprints in their collection. Through the further thorough search, he second set could then belong to a convicted person and therefore he could be pinpointed to the Investigator by his fingerprints unit. Therefore in the case two sets of fingerprints are found which do not belong to the owner or his relatives or employees, and one of which is of a convicted person who could easily be identified, then the second set would be of his accomplice.

## FINGERPRINTS ON GLOVES

In this respect, the Investigator would enquire who are the confidands or associates of such suspect and through this, he could arrive at establish the accomplice as well. Likewise glove marks are important. In fact, a print left by a glove, if the glove is later retrieved by the Investigator, the print could be confirmed to have been made by that glove and therefore the person in whose possession it was found would be a suspect in that criminal investigation. It is not to be assumed that no fingerprints could be found if at first only glove marks are found. There is always the possibility that the thief could have removed his gloves at any moment, even if for natural reasons, such as toilet purposes, etc. He could have also removed them in the case of some article which could not have opened with the gloves on, and therefore he would have left his prints there.

If firearms are found on the scene of crime, the Investigator is not to allow anyone tc lift them or pick them up by inserting something in the barrel. If firearms, such as guns or revolvers are picked that way there could be the possibility of prejudicing the Ballistics examination on them.

In cases where a body is involved, such as homocides, sus-

# The Role of the Police in Criminal Investigations

picious deaths, etc, great care is to be taken also to preserve the body to prevent:-

(1) loss of material;
(2) evidence being destroyed;
(3) adding of material;
(4) possible objects being moved.

From the very beginning one has to decide, in the case of suspicious death, whether the help of a Pathologist is essential. It is the prevailing practice that when a corpse is found the cause for which would be unknown, the Police usually call a doctor to the scene to certify that the person is dead, he would certify whether there were or were not any signs of violence and ending the certificate that the cause of death was unknown. Yet it would be wise, if in cases of suspicious death such a certificate, also known as the "levee du corps" be carried out by a pathologist, who would firstly be more competent in that field and secondly he would be forming part of the medical team to carry out the autopsy.

**Experience has shown us that such examinations are frequently carried out by doctors rather haphazardly or in a hurry. If this is the case, then the Police would he hampered in the investigations as there could be the case when the first doctor would not have mentioned that there were external injuries and these are then only noticed in the autopsy. Therefore, the Police would be at a loss as they would only start their investigations in that regard too late.**

To my memory there were two cases of the above type with which I was personally acquainted. Some months back a man was found lying face downwards in a field just by the side of a low rubble wall. The corpse was examined by a General Practitioner who certified that life was extinct and that there were no signs of external violence and that the cause of death was unknown. Therefore the police at first started moving on the track that, although this was a suspicious death, most probably was due to a natural cause. However the following day during the "post mortem" examination, the Pathologist found strangulation marks on the neck of the victim. Obviously this was a sudden and unexpected turn in the investigations and this only came a day too late. Obviously it resulted that the first doctor had carried out only a hazphazard examination of the corpse and did not remove any clothing in doing so, not even opening the collar of his shirt.

## TWO VERSIONS OF SAME DEATH?

A second example would be that which occurred recently where an old lady was found dead at her residence. The first medical report was that life was extinct and that the only injury was a small wound to her forehead, which could be compatible with the woman hitting her head when collapsing. However during the "post mortem" it turned out that she had about twenty one stab wounds in the back, just beneath her neck. Obviously the suspected natural death turned into a case of wilful homicide. Here again, such developments were noted only a day or a day and a half too late, putting the Police at a great disadvantage in their investigations. In this case there was again the hazphazard examination of the corpse by the Medical Practitioner, who failed to notice such serious injuries, i.e. the stab wounds.

From the above it follows that the Police Investigator is to insist with the Inquiring Magistrate to appoint a Pathologist for the "levee du corps" and he is also to insist with such person to carry out an exhaustive examination of the corpse not merely watching the head, hands and feet without even removing the clothes, because that would not be a good examination.

Besides the above, a dead body can supply us with the following information:-

(a) estimated time of death;
(b) wounds – whether prima facie appears to be accidental, homicidal or suicidal;
(c) the position of the body – whether it is compatible to natural death or not;
whether it appears that there was struggle before death;
whether death appeared to be due to malicious wounding;
(d) the possibility that the corpse would have been deposited there and homicide committed elsewhere – to look for drag marks in the vicinity;
condition of clothes, random transfer such as earth and dust, fibres, etc.

The above are to be delved into by the Police Investigator in each and every case of the finding of a dead body and the answers to those queries would give him the first hints in his criminal investigation into the death of that person.

**As regards the Scene of Crime examination, there are no fixed and fast rules as to the amount, type and which exhibits are to be collected. The necessity to collect all articles found on the scene is always felt. Then all these exhibits are later sieved at the Laboratory and those required would be retained while others would be put aside.**

There are many types of exhibits which can help the Police in their investigations, and obviously some are of a greater importance than others. Some of those exhibits could easily be kept stored for some time without any damage being caused to them, while there are others which have to be kept with grater care, preserved and submitted without allowing much time to pass over.

While on the subject of searching for exhibits, one can dwell for a short time on the mechanical fit. This, if found, would help the Police enormously in their investigations as it is or as also referred to "Jigsaw or Physical Fits", are a job for the scientist to find. These could be of paint and filler found on the road at the scene of the accident which are compared and confirmed to have come

# The Role of the Police in Criminal Investigations

from a certain part of the body of the suspected vehicle; torn paper; broken metal etc. The evidence of this type of exhibit is conclusive in itself and does not involve a matter of opinion.

The Investigator is also to be on the alert for the possibility of transfers of paint, fibres, etc, in the case of the commission of crimes, i.e. theft, where the culprits would have entered the house through a window – which they had damaged or forced open to use for the entry – would have been transferred to his clothes. If such flakes of paint are found on the clothing of a suspect and these correspond to the paint on the particular windon, then we have here also a good exhibit of evidential value. The same holds good for tool marks. One must bear in an identical mark. Therefore, even tool marks are of a high evidential value.

Glass could also be of good evidential value, especially if the glass is of a special type. A broken window glass could also show with what it was broken; in fact slow moving objects like walking stick, boot, etc, causes radial and concentric cracking with powder and glass splinters scattered; while in the case of fast moving objects such as bullets, cause a round neat hole and is funnel shaped having the exit bigger than the entry side. Again glass fragments could have also been transferred onto the clothes of the culprit and therefore that has to be also examined in the Laboratory to see whether the type of glass on the clothes corresponds to that on the broken window used for the entry or the exit from the premises during a theft etc.

**The Investigator is also to be able to note whether shoe prints are visible and in the case of the use of a motor vehicle in a crime, whether there are tyre marks in the area.**

These marks, if preserved, could be checked against the shoes of suspect or against the tyres of the suspected evidential value.

Another type of criminal investigation in which the Police could be involved is that of fire investigation. In fact in the face of fires, one has to be on the look out as at times this could realy be accidental – such as fires caused by short circuits etc – while at times it could be arson, either caused for insurance fraud or for revenge against others. In the case the Investigator's persons on the scene is also required very early. One is not to allow the men from the fire brigade to work on their own. They are to be left to put out the fire, for which they are experts, but then they have to make way for the Investigator, who together with the required experts will come into the picture. The Investigator may ask the fire brigade men to search for seats of fire. Normally, if the fire was accidental, then one seat of fire is found. If there is more than one seat of fire, this points towards arson. If the premises smell strongly of fire accellerates such as petrol, paraffin etc, samples of the debris are to be collected for further laboratory analysis as this would also point towards arson.

## VARIOUS TYPES OF WOUNDS

Another important aspect in a criminal investigation would be the interpretation of wounds. The interpretation of wounds is necessary to determine as far as possible, how and what had caused it, whether there was a risk of life and the likely amount of permanent damage it causes to the victim. Wounds may be divided into abrasions, bruises lacerations, incised wounds, stab wounds and firearm wounds. Going hand in hand with the interpretation of wounds would also be the question of the means used. These wounds could be produced by a variety of instruments. Therefore it will also be essential to delve into that field as well.

The effects produced by a firearm wound could lead us to determine the type of weapon used, the calibre, the distance of the firearm from the victim. A firearm wound caused by the firearm in contact with the victim: powder deposit would be present on the clothing overlying the skin. On the skin smoke and powder may be evident with splitting of the skin over bony surfaces. There will often be burning and scorching of the skin edges. In close range shots, between 12 to 24 inches: fire powder residues will be seen on the skin in the case of hand guns, consisting of flakes of unburnt powder. In distant shots, the entry wound would consist of a round hole with discoloured edges with a possible trace of grease from the bullet head. When studying the interpretation of wounds and the means to cause them, the Investigator would have to keep in mind that the site and number of wounds could give a good clue whether the wounds were suicidal or homicidal. In fact in a suicidal case the site of the wounds would be accessible to the victim and the number would usually be multiple and in several places; while in the homicidal case the site would be indiscriminate and aimed at vital points and the number of wounds normally be grouped but not arranged, superimposed and usually slashed. Besides, a tentative incision might be present in the case of a suicide while it will be absent in the case of homicide. In the case of suicide there are never any signs of defence by the victim while these may be present in the case of a homicide.

**Once on the theme of Defence Wounds, it would the worthwhile to dwell a little longer on them as these could be a deciding factor in the investigation. In fact how is the Investigator to decide which are defence wounds and which are not?**

Obviously there are no fixed and fast rules to determine these, but by using common sense, careful observation and experience one can arrive to that. In fact Defence Wounds would

•continued on page 34

# Wagner PiCo-Bel
## Cordless Power Painter










Clearly PICO-BEL is unsurpassed in its versatile uses. PICO-BEL is not only a pleasure to work with, it beautifies and maintains the value of your domestic equipment and home environment. PICO-BEL does not tie you down to a source of power, is child's play to handle and always ready for duty. PICO-BEL quickly pays for itself.




Carmelo Gauci Ltd.

IMPORTERS OF ALL KINDS OF TIMBER, PLYWOOD, BLOCKBOARD, CHIPBOARD, HARDBOARD, LAMINATED PLASTICS, FURNITURE & DOOR FITTINGS, WOODWORKING MACHINES.

"CARGA", NEW STREET IN QORMI RD, STA. VENERA. TEL: 43861-45717

**NO DIY TOOL CAN DO MORE**



# Middle Sea

*for all your insurance requirements*

*including Life Assurance.*



*Middle Sea House, Floriana, Malta. Tel. 626262*
*Rooms 35-38, Lloyd's Avenue, London EC3N, U.K. Tel. 01-265-0768/9*

# Espert tat-trobbija tal-klieb isib li

# ANDREWS ACTIVATOR EASY MIX

## hu l-aħjar ikel għall-klieb tiegħu.

"Għalija dejjem kienet problema u wġieħ ta' ras kbir x'sejjer nitma t-tnax il-kelb tiegħi li fil-biċċa l-kbira tagħhom huma Italian Greyhounds u tal-But. Fl-aħħar irnexxieli nsib is-soluzzjoni "New Activator Easy Mix" — prodott ta' Andrews Feeds (Malta) Ltd. Dan il-prodott faċli tippreparaħ. Fil-kas tiegħi u ta' dawk li għandhom il-klieb kbar, ikun aktar ekonomiku kieku dan l-ikel jitħallat ma' 'dog biscuits' jew ma' għaġin mgħolli, In-New Activator Easy Mix ħu magħmul mil-laħam, għadam, wheatgerm, ħut, vegetable oil u vitamini oħra u għandu konċentrazzjoni għolja ta' proteini meħtieġa għas-saħħa tal-klieb tiegħi".



Mr. L.T. Fsadni






*In-New Activator Easy Mix Dog Food issibuħ għand il-ħwienet ta' l-annimali.*

**ANDREWS FEEDS (MALTA) LIMITED**

*Telephone: 621735/627202/226970*

# SELF DEFENCE

# – UNARMED COMBAT

**Mill-Ispettur R.G. ZAMMIT**

*(Sensiela Nru. 1)*

**• Il-Marshal Arts jaf it-twelid tiegħu eluf ta' snin ilu, fejn il-pijunieri tiegħu kienu l-Ġappuniżi kif ukoll iċ-Ċiniżi. Mal-miġja taż-żmien dan il-għlied inbidel fi sports li jinħtieġ prattika kbira u enormi.**



Il-Marshal Arts beda minn żmien twil ilu. Kienu l-Ġappuniżi u Ċiniżi minn ta' quddiem nett li welldu dan it-tip ta' għlied. Prattikalment kien jintuża meta l-armi li nafu bihom il-lum u speċjalment anke saħansitra dawk l-antikismi, ma kienux għadhom ġew żviluppati, però l-għlied kien isir sider ma' sider, jew kienu javviċinaw lil xulxin b'xi ħaġa forma ta' zokk jew anke b'xi ġebel forma ta' arma. F'kelma waħda wieħed ried ikun jaf kif sejjer jiddefendi ruħu minn kwalunkwe attakk li seta' jinqabad fih, kemm b'xi forma ta' armi kif ukoll mingħajr armi. Però mal-miġja taż-żmien u ta' sekli twal, dan it-tip ta' għlied inbidel f'avvenimenti sportivi u f'ħafna kwalitajiet diversi, li għal min hu veru sportiv u speċjalment iservi f'xi forma ta' forza militari jew simili, ma jistax ma jrawwamx ftit jew wisq minn dan it-tip ta' sports mal-ħajja tiegħu.

Għalhekk ħassejt li għandi nibda sensiela oħra ġdida li titkellem fuq dan il-qasam. Ħassejt li għandi nagħmel dan għax dan huwa tip ta' sports li wkoll wieħed għandu x'jitgħallem minnu u aktar meta rajt u ħassejt bi pjaċir kbir li s-sensiela l-oħra ċioè dik ta' l-Eżerċizzi fiżiċi ntlaqgħet tajjeb ħafna, mhux biss mill-membri tal-Korp, iżda wkoll mill-membri tal-familji tagħhom, speċjalment it-tfal jew aħjar dawk żagħżagħ. Għalhekk jekk wieħed jipprattika l-eżerċizzi l-oħra b'ċertu dixxiplina, ma għandux joqgħod jiddejjaq li jibda jipprattika xi ħaġa minn dawn li sejjer ngħidilkom f'dan is-suġġett.

## □ ATTENZJONI BIEX MA JWEĠĠA' ĦADD

F'din is-sensiela, wieħed irid joqgħod ferm attent li kemm jista' jkun la jweġġa' hu, u lanqas lil ħaddieħor, speċjalment waqt taħriġ, peress li fih wieħed irid juża ċertu teknika biex jirbaħ lill-avversarju tiegħu. Għalissa wieħed sejjer jibda jitkellem fuq id-**'difiża personali'** u **'unarmed combat'**.

Dan it-tip ta' għlied, bħal ma diġà għedt aktar 'il quddiem inqaleb għal xejra sportiva, u rnexxielu jinfirex ma' l-erbat irjieħ tad-dinja, saħansitra f'art twelidna wkoll li jiena fost dawk li nemmen bis-sħiħ li dan għandu jibda jiġi mgħallem anke fi skejjel u ta' età żgħira. Minnu ħarġu ruxxmata ta' arti marzjali oħra, biss kollha b'tema waħda, dik ta' 'dixxiplina' konċentrazzjoni u xejn inqas minn determinazzjoni. Fih wieħed irid ikun iddixxiplinat b'ambizzjoni li dejjem irid jipprattika u jitgħallem il-ġdid. Biex wieħed jakkwista dan kollu, jew aħjar il-ftit minnu, irid iżomm quddiem għajnejh li l-isports ta' kwalunkwe marka, irid itih importanza daqs is-suġġetti l-oħra kollha li jwettaq matul il-ġurnata taxxogħol.

Qabel ma wieħed jaqbad u jipprattika dan it-tip ta' sports irid ikun jaf jekk huwa possibbli, il-ġisem tal-bniedem x'joffri fis-sens fejn wieħed għandu jagħti, biex iweġġa', jagħfas jew jilwi mingħajr hu (l-individwu) ma jbatix u ma jaħlix enerġija żejda. Biex ngħin daqsxejn aħjar sejjer nispjega biċċa biċċa l-ġisem tal-bniedem x'joffri f'dawk li huma punti biex ngħid hekk li huma b'saħħithom u fl-istess ħin dgħajfin u perikolużi fl-istess ħin.

## □ IL-KOSTRUZZJONI TAL-BNIEDEM MILL-FAĊĊATA

Nibdew mill-faċċata biċċa biċċa: **Ir-ras** – Jekk wieħed iħares lejn numru wieħed (1) isib dak li nsejħulu (temple) li jiġi eżatt fuq il-widnejn u wara l-widnejn. Daqqiet hemmhekk kif ukoll għafis fit-tul (minuti) jista' jħalli effett ikraħ fuq l-individwu billi b'daqqa jista' jinġama ħafna demm fuq ġewwa, u b'għafis tremend jista' jikkaġuna ċertu sturdament li fi ftit minuti bniedem jibda jintilef min sensih għax iċ-ċertu arja u ċirkulazzjoni li suppost tkun għaddejja, tibda tbatti bil-mod il-mod. Numru (2) insibu l-geddum li daqs kemm hu b'saħħtu jista' jagħmel ħsara tremenda lil ġewwa ta' l-għonq jekk kemm-il darba r-ras tintlewa lura. Ir-raġuni hija li daqqa għall-għarrieda fil-geddum u lura, f'dak il-ħin opportun isib il-ġewża f'pożizzjoni dgħajfa u tista' tfaqqa l-għonq. Ma dan wieħed jista' jgħodd ukoll numru (24) li jaffettwa l-gerżuma meta din tingħafas jew tintlewa lura ż-żejjed. Każ ieħor importanti fir-ras huma l-għajnejn li m'hemmx għalfen noqogħdu nitkellmu, ħafna kemm huma delikati u hemm ħafna mezzi kif wieħed jgħarraqhom jew iweġġagħhom. Każ ieħor fil-wiċċ huwa l-imnieħer, li jidher immarkat numru (25).

Daqqa bejn l-imnieħer u x-xoffa ta' fuq tfisser li jista' jkollok (blockage) li jkun ġie minħabba demm magħqud. Forsi hawn ħafna jafu li jekk wieħed jara ras ta' skeletru jkun jista' josserva żewġ toqbiet żgħar li allura huma ta' l-imnifsejn, fejn dawk wara xi daqqa jista' jimblokkaw b'xi demm li bniedem

# SELF DEFENCE

## – UNARMED COMBAT

tħallih mitluf minn sensiħ. Dan jista' jsir ukoll jekk wieħed jaqla' xi daqqa bejn l-għajnejn. L-istess jekk wieħed jara ras ta' skeletru dan li qiegħed ngħid jista' jarah u jifhem aħjar. Fuq kull ġenb ta' l-għonq kull wieħed minna għandu dawk li nsejħulhom arterji ħoxnin u li jippompjaw kwantità kbira ta' demm kontinwament. Għafsa ħażina fuq waħda minn dawn tista' tfisser mewt f'qasir żmien, bħal meta wieħed jiġi stringat minn xi ħadd. Ħaġa oħra li nsibu, hija l-gerżuma li hija markata numru (22). Kulħadd jaf x'funzjoni għandha, din tagħmel ħafna xogħol u ċiflaħ biex ngħidu hekk għal ħafna strapazz, però b'għafsa żgħira iżda tajba tista' tirriżulta f'mewt.

**Is-sider** – Is-sider fih spjegazzjoni sabiħa wkoll x'wieħed ifiehem. Il-collar bone immarkat numru (21) huwa biex ngħid hekk il-bidu tal-qafas tas-sider li daqqa jew għafsa tajba b'xi swaba sodi ġo fih jistgħu jħallu effetti ħżiena ħafna, peress li huma qrib ħafna tal-gerżuma li diġà tkellimna fuqha qabel.



FIG. A



FIG. B

Ħaġa li lili personali dejjem beżżgħatni waqt it-taħriġ u minn din għaddew ħafna wkoll, hija dik li l-Malti insibuha l-għasfur tas-sider li hija immarkata eżatti numru (19). L-istess għafsa jew daqqa tajba f'din il-parti, il-konsegwenzi huma koroh u fit-tul. Bejn il-kustilji wieħed irid joqgħod attent ukoll li ma jinqabadx minn hemm speċjalment ma' l-aħħar kustilja. Dan tistgħu tarawh immarkat numru (6). Punt ieħor li jweġġa' r-ras, voldieri li wieħed irid joqgħod attent, huwa l-abdomen parti li hija markata numru (17). Ma naħsibx li hemm għalfejn għandi noqgħod nispjega fit-tul x'hemm fl-istonku, però persważ li kulħadd jaf li l-istonku hemm l-imsaren li huma miġbura ġewwa dik li ngħidulha 'frixa' li qisha xibka rqiqa ħafna li wkoll daqqiet hemm dejjem ħallew effetti koroh.

### □ AĊĊIDENT MA JSEĦĦX BISS WAQT ĠLIED

Jekk wieħed imur għal fuq numru (16) isib biex ngħid hekk l-aktar parti delikata li għandu l-bniedem kemm femminili u kemm maskili. Daqqiet u għafis fihom u speċjalment fil-'groins' li huma fuq kull naħa tal-ġisem ifisser uġiegħ tremend u li jieħu t-tul biex wieħed jgħid fiqt għal kollox jekk kemm-il darba jkollu xi inċident fihom. Meta wieħed isemmi aċċident ma hemmx għalfejn ikun qiegħed jiġġieled

# SELF DEFENCE
## — UNARMED COMBAT

jew simili, però anke sempliċiment jimxi ħażin jew jiżloq u jiġbed muskolu minn dawk in-naħat. 'L isfel għandna l-kuxxtejn, li għalkemm ma humiex ta' uġiegħ bħall-partijiet l-oħra, però huma għal suġġett li jekk wieħed jaqla fuqhom isib li għandu dak li nsejħulu laħam irmazzat però żgur ma jħallikx tagħmel xogħlok tajjeb. 'L isfel aktar insibu l-irkobbtejn, fejn għalija ngħid li huma l-aktar postijiet li wieħed għandu jgħożż. Ir-raġuni hija li huma u minn hemm 'l isfel huma l-qofol li jridu jżommu l-bniedem ikun x'ikun il-piż tiegħu. Daqqiet, ħbit u għafis fuq l-irkopptejn huma kollha msiemer fit-tebut ta' l-individwu u dan narawh aktar u aktar meta aħna nkunu qegħdin nikbru fl-età.

Għalhekk wieħed għandu jagħti importanza tremenda lis-saqajn f'dawk li huma eżerċizzi fiżiċi. 'L isfel iżjed insibu numru (14) waħda mill-partijiet perikolużi, li għalkemm hija ta' saħħa tremenda, daqqa żgħira kemm hi żgħira fuqha l-uġiegħ ikun ikrah ħafna u jieħu t-tul taż-żmien ukoll biex iħallina kwieti. Qiegħed nirreferi għal qasba tas-sieq. Jekk wieħed jibqa' nieżel iktar 'l isfel għandu jsib l-għekiesi fuq kull naħa tas-sieq. Jekk wieħed joqgħod jaħseb naqra fuq il-ġog tas-sieq, ċioè minn fejn tispiċċa l-qasba sakemm tibda l-pala wieħed għandu jsib li hemmhekk huwa wieħed mill-aktar punti li għal ħafna wħud li jipprattikaw xi arti marzjali hija l-favorita tagħhom, peress li hemmhekk huwa l-qofol tal-'balance' tal-bniedem.

## ☐ IMPORTANZA LIS-SAQAJN FL-'EŻERĊIZZI FIŻIĊI'

Dawn jidhru numri (12) u (13). Punt ieħor għal dak li huwa quddiem tal-body tal-bniedem u li huwa punt b'saħħtu ħafna però fl-istess ħin dgħajjef, huma s-swaba. Ftit 'il fuq aktar mis-swaba, wieħed għandu jsib dak li bil-Malti nsibuh il-ballun tas-sieq, li daqqa hemmhekk jew liwja tkun xi ħaġa ta' verament martirju. Ħaġa oħra li rridu ngħaddu huma d-dirgħajn, li fil-bniedem jagħmlu parti kbira ħafna. Jekk wieħed jibda minn fuq tad-driegħ, wieħed isib li l-għadma li għandna hemmhekk hija ta' saħħa tremenda. Però meta l-ġog tagħha jintlewa b'ċertu saħħa l-kuntrarju li suppost imur, isib li din mill-ewwel tfaqqa' jew aħjar tinkiser.

Ħaġa oħra hija li daqqa minn taħt id-driegħ, voldieri bejn ġewwa ta' l-id u barra tas-sider tfisser ksur fil-ġog li ma hemmx għalfejn noqgħod ngħid x'ċirkustanzi jħallu. Iktar 'l isfel, dejjem fuq id-dirgħajn wieħed isib il-minkeb, kemm barra u kemm il-ġewwieni tiegħu. L-istess għafis, daqqiet u ilwir fuq din il-parti tħalli bniedem kultant għal perjodu twil ta żmien mingħajr saħħa ta' xejn, dak li nsejħulu 'tennis elbow'. 'L isfel iżjed insibu l-polz u l-pala ta' l-id. Ilwa mill-polz tfisser li wieħed tmurlu s-saħħa kollha minn dik l-id, kif ukoll b'ċertu tattika ta' swaba ma' swaba jistgħu jħallu effett kif ukoll ksur. Dan kollu li spjegajt hawn fuq tistgħu tarawh biex jgħinkom FIG A.

## ☐ IL-KOSTRUZZJONI TAL-BNIEDEM MINN WARA

Dan li sejjer ngħidilkom jidher kollu FIG B u jeħodna fuq in-naħa l-oħra tal-bniedem ċioè min-naħa ta' wara.

Jekk wieħed jerġa' jibda mir-ras, isib li dik immarkata numru (1) hija wara tar-ras eżattament fejn ftit 'il fuq iżjed wieħed isib il-moħħ. Daqqa minn hemm, jew aħjar ġibda 'l isfel il-konsegwenzi jistgħu jkunu jew wieħed jgħama, jew jekk le żguri jitilfuh minn sensih. Dak li mmarkat numru (2) u li jiġi eżatt in-nofs ta' l-għonq, ġà spjegajtilkom li l-effett tiegħu huwa jekk wieħed jaqla' daqqa minn quddiem u fuq il-geddum. Dak huwa proprju l-ewwel punt li għandu jtellifna jekk mhux ukoll ikun fatali. Fin-nofs eżatti wieħed isib l-aktar ħaġa perikoluża li akkwista l-bniedem, is-sinsla tad-dahar. Kull rukkell mis-sinsla, għax hekk nafuh aħna, huwa perikoluż immens u speċjalment inbejniet, però kulħadd jaqbel miegħi li l-aktar wieħed perikoluż huwa dak ta' l-aħħar li nsibuh immarkat numru (6) u li nsibuh aħjar bħala d-denb tal-bniedem.

L-istess, daqqiet jew għafis bis-swaba ta' l-idejn u kultant b'ċertu prattika bniedem tista' tħallih immankat għal għomru. Iktar 'l isfel wieħed isib li kważi bħal ma għedna fuq quddiem nistgħu ngħidu għal fuq wara. Pereżempju wara l-irkoppa, nistgħu ngħidu li huwa wieħed mill-aktar postijiet dgħajfa li għandna, però jekk wieħed jistirahom u jsaħħaħhom bi ftit eżerċizzi ma għandhomx jibqgħu daqshekk dgħajfin. Aktar 'l isfel wieħed għandu jsib il-pxiexel li dawn għalkemm meta wieħed jaqla' daqqiet ġo fihom, forsi ma jweġġax ħafna però żgur li jista' jkun suġġett għal aktar minn darba ta' bugħawwieġ, li jekk ma tkunx taf timmaniġġjah huwa xi ħaġa ta' min jistmerru.

## ☐ POMPA QAWWIJA FIĊ-ĊIRKOLAZZJONI TAD-DEMM

Dan isir hekk peress li l-pxiexel jippompjaw kwantita kbira ta' demm u meta taqla' ġo fih li jkun qiegħed isir huwa li wieħed ikun qiegħed itellef iċ-ċirkulazzjoni tad-demm. 'L isfel għalkemm ġa tkellimna għandu jsib dak li nsejħulu l-għarqub li għalkemm hija parti xierfa, daqqa ftit 'il fuq minnu żgur li tħallik izzappap għal xi żmien.

Għalhekk dan kollu li għedtilkom, wieħed għandu joqgħod attent li meta jiġi f'xi ħaġa jara kemm jista' jkun li dawn il-partijiet ma jintmessulux, u jekk jiġi biex jiddefendi ruħu wieħed minn dawn il-partijiet huwa biżżejjed biex irażżan l-individwu. Niftehmu, qiegħed ngħaddilkom dawn l-affarijiet, mhux biex wieħed jiftiehem ħażin u jitqażżeż, però sempliċiment biex bħala membri ta' Korp ta' Pulizija wieħed ma jaqax għaċ-ċajt kemm jista' jkun u naqtgħu figura tajba. Għal-lum naħseb li għad-dejtilkom biżżejjed, u jekk wieħed joqgħod jarahom bil-kwiet ikun jista' jħejji ruħu aħjar għall-eżerċizzi li sejjer ngħaddilkom darb' oħra. — Saħħa.

# EŻERĊIZZI FIŻIĊI F'GĦAWDEX

**Waqt li kont qiegħed nipprepara l-paġna tiegħi għall-ħarġa tal-magazine 'Il-Pulizija' li għaddiet, ġieni ħsieb li kien ilu żmien twil iberren f'moħħi – sabiex jinħoloq xi ħaġa ta' taħriġ fiżiku simili għal dak li jsir hawn Malta għall-membri tal-Korp tal-Pulizija, għal sħabna l-Għawdxin li jaqdu dmirijiethom fil-gżira t'Għawdex.**



*Pulizija waqt li kienu qegħdin jingħataw il-lecture dwar it-Taħriġ Fiżiku.*

Dan il-ħsieb għaddejtu mill-ewwel lis-Superintendent C. Cassar, lill-Kummissarju kif ukoll lill-Ministru responsabbli l-Onor. Prof. G. Demarco LL.D., M.P., li mill-ewwel fehmu l-ħtieġa ta' dan kollu. B'hekk fil-bidu ta' Ġunju 1988 ingħata bidu għal tliet ġimgħat ta' Taħriġ għall-membri kollha stazzjonati f'Għawdex.

Għall-ewwel kelli nitla' Għawdex biex flimkien mas-Superintendent t'Għawdex, is-Sur Salvinu Galea nħejju programm, kif ukoll naraw li x-xogħol jibqa' miexi normali.

Kien hemm ukoll xi ftit tat-tgergir fost uħud mill-Pulizija – għas-sempliċi raġuni li kienu qegħdin iħossuhom kbar wisq fl-età, u ħasbu li ma kienux sejrin ilaħħqu ma' sħabhom ta' età aktar żgħira minnhom. Biss, kollox mar kif



*Pulizija Għawdxin waqt it-taħriġ.*

**mill-**
**ISPETTUR**
**R.G. ZAMMIT**



*Iż-żewġ pulizija nisa li wkoll għamlu l-almu tagħhom b'suċċess waqt it-taħriġ.*

ippjanat, għax il-ħsieb kien li kulħadd għandu x'jitgħallem jeduka ruħu iżjed fiżikament u mhux li noħorġu b'xi atleti!

Biex seta' jsir dan kollu, il-membri kollha – nkluż iż-żewġ pulizija nisa li fil-preżent qegħdin iservu f'Għawdex, ġew imqassma fi tliet gruppi, bejn wieħed u ieħor ta' l-istess età. Bdejna bil-kbar, u spiċċajna bl-anzjani.

Dawn il-membri f'dan il-kors bdew billi ġie spjegat lilhom xi jfisser li tieħu ħsieb tiegħek innifsek fiżikament u kif għanek taġ-

•ikompli f'paġna 34



# IL-MUŻEW TAL-KATTIDRAL

għall-kappella nsibu għall-wiri lbies tal-quddies, li ħafna minnhom fihom xogħol bir-rakkmu. Dawn kienu ta' bosta Isqfijiet, fosthom Gargallo, Caghliares, Balaguer u Alpheran.

Fl-istess kamra hemm il-kotba sagri li fihom illustruzzjonijiet bħal antifoni, Vanġeli, eċċ. Hemm ktieb li juri l-biċċiet ta' deheb u fided li kellha l-Knisja f'Malta. Bosta minn dawn il-ħwejjeġ ġew misruqa mis-suldati ta' Napuljun waqt il-ħakma tiegħu f'Malta.

F'kamra maġenb din, hemm esebiti ħwejjeġ tal-fidda u deheb – fost oħrajn sett ta' l-Appostli li ġew misruqa darbtejn mill-Franċiżi u d-darbtejn mixtrija mill-Kapitlu tal-Kattidral. Is-sular ta' fuq fih numru konsiderevoli ta' pittura, bħas-sensiela ta' kwadri li juru l-ħajja ta' San Pawl. Dawn kienu t-titular tal-Kattidral. Insibu xogħlijiet ta' Salvo d'Antonie u ta' l-iskola ta' Antihelle. It-tieni kamra fiha Madonna ta' Antonio Salvi, magħruf aktar fil-qasam ta' l-arti bħala Sasseferto. Hemm inkwadri ta' Eberhard Kei:, Bernardo Strezzi, Mattia Preti, A. Favray u Bonavia

Il-parti l-oħra tas-sular fih kollezzjoni sabiħa ta' inċiżjonijiet u disinji. Insibu xogħlijiet ta' Albrecht Durer, Mantegna, Guido Reni, Goya, Rembrandt u Van Dyke fost oħrajn. Ħafna minn dawn ix-xogħlijiet ġew mogħtija lil Kattidral mill-Konti Saverio Marchesi.

Dan il-mużew huwa fil-veru sens tal-kelma 'ċentru ta' l-arti, u storja, u wieħed jagħmel tajjeb li jekk qatt ma żaru, jieħu lil familja tiegħu jaraw l-esebiti f'dan il-mużew, u jitpaxxew jaraw dawn ix-xogħlijiet hekk rikki fl-arti, imħarsa tant tajjeb mill-Kuratur Kan. G. Azzopardi.

## EŻERĊIZZI FIŻIĊI F'GĦAWDEX

•ikompli minn paġna 33

ġorna ruħek għall-età u x-xogħol li jkollok. Barra minn hekk, ġew mgħallma wkoll x'tip ta' eżerċizzi għandhom jipprattikaw, kif jistgħu jibqgħu jipprattikaw weħidhom, x'inhu l-ħsieb ta' dan kollu, kif ukoll sabiex dak kollu li jitgħallmu għandhom jgħadduh lil ħaddieħor.

L-għada ta' l-introduzzjoni, kull membru tal-Korp kellu jagħmel viżita għand it-tabib tal-Pulizija Dr J. Saliba M.D., li kien mgħejjun tajjeb ħafna mill-Assistent tiegħu P.C. J. Vassallo. Għal dan il-għan huma telgħu kemm-il darba Għawdex, biex b'hekk kull membru seta' jingħata riżultat aħjar ta' saħtu. Ta' mportanza kien ukoll il-fatt li bis-saħħa tat-tabib preżenti, dawn ingħataw xi pariri mediċi fejn inħass il-bżonn. Biex ngħid hekk, kull membru offra dak kollu li felaħ, u għanċi l-pjaċir ngħid li mill-kbir saż-żgħir akkwistaw riżultati tajbin.

Bis-saħħa t'hekk, wara li għalaqna l-kors b'taħdita fuq is-suġġett, inħasset il-ħtieġa li x-xogħol mibdi ma jieqafx, anzi, jiġi mogħti spinta 'l quddiem. B'hekk il-ħsieb li jinstab Physical Instructor Għawdxi ġie mgħoddi mill-ewwel lill-Kummissarju u lil Fizzjali għolja oħrajn li min-naħa tagħhom dawn kollha qablu li l-programm għandu jitkompla – anzi b'aktar varjazzjoni. Għal dan il-għan l-għażla waqgħet fuq P.S. 567 Teddy Bajada, li minbarra li huwa sportiv ħafna, speċjalment fil-qasam tal-futbol – wera nteress kbir fil-ħsieb mitlub.

B'hekk il-programm ikun jista' jitkompla għal sħabna l-Għawdxin matul is-sena kollha u forsi b'hekk xi attivitajiet bejn il-membri tal-Korp fiż-żewġ gżejjer ikunu jistgħu jseħħu 'l quddiem, f'diversi oqsma sportivi.

B'hekk wieħed jista' jgħid li nfetħet triq oħra fil-qasam sportiv għall-membri tal-Pulizija Għawdxin.

## THE ROLE OF THE POLICE IN CRIMINAL INVESTIGATIONS

•continued from page 29

generally be grouped under three categories or groups:-

(1) those caused by the gripping of a weapon – these would result in irregular cuts on the palm of the hands or fingers or on both, depending whether the weapon was double edged;

(2) those incurred in trying to avert the blow of the weapon – those would result in cuts on the back of the wrist and forearm;

(3) those due to the holding up of the hand – which would result in cuts between the fingers or between the thumb and the fingers.

Another important item regarding firearms, which the Police Investigator is to be acquainted with, is the type of the firearm and what to look for during the examination of the scene of crime and during his investigations. There are two types of firearms – the small bore weapons such as rifles and pistols. It would be of great help in an investigation into a shooting incident if the bullet heads are recovered and also if the empty cartridges are also found. Once the bullet was fired through a rifled weapon, then the bullet would receive the same markings on its surface compatible with the rifling of the weapon. Therefore these would be of great importance as the markings on the bullet could be matched to the riflings of a test bullet fired from the suspected weapon. Obviously if these are confirmed then it would be certain that the bullet came from that particular firearm. Likewise a spent cartridge is of great importance. From it one can establish the quality of weapon used and also the make. Keeping in mind that, for example in the case of a shotgun, the cartridge on extraction would have two marks – that of the firing pin and also that of the extractor. Now such marks cannot be indentical for different weapons even if of the same make. Hence from the marks on a single spent cartridge, through analysis in the laboratory, one can arrive to identify the weapon from which it was fired.


AIRMALTA
We promise you
a warm welcome.

# This book tells only part of the story




Mid-Med Bank provides an ever increasing range of banking services, assisting the individual whatever his needs may be.

Whatever your business or occupation, there's a Mid-Med Bank service that can help you.

Get the full story from any of our 44 branches and offices in Malta and Gozo.

**Mid-Med Bank**
Malta's Largest Bank.


ALTA

40158 GV
THE LIBRARIAN
UNIVERSITY OF MAL
TAL QROQQ

POLICE DEPAR